UNIVERSITY OF MALTA

SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE

SEC

# IL-MALTI

May 2007

## EXAMINERS' REPORT

MATRICULTION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATURI TAL-MALTI**
**FIL-LIVELL TAĊ-ĊES**
**Mejju 2007**

**Statistika tar-riżultat**

| Karta 1 u 2A | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Gradi** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** | **7** | **U** | **Assenti** | **Total** |
| **N** | 87 | 471 | 531 | 914 | 317 | | | 415 | 13 | 2748 |
| **%** | 3.17 | 17.14 | 19.32 | 33.26 | 11.54 | | | 15.10 | 0.47 | 100 |

| Karta 1 u 2B | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Gradi** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** | **7** | **U** | **Assenti** | **TOTAL** |
| **N** | | | | 159 | 363 | 231 | 249 | 1503 | 167 | 2672 |
| **%** | | | | 5.95 | 13.59 | 8.65 | 9.32 | 56.25 | 6.25 | 100.00 |

| Karta 1 u 2A jew 2B | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Gradi** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** | **7** | **U** | **Assenti** | **TOTAL** |
| **N** | 87 | 471 | 531 | 1073 | 680 | 231 | 249 | 1918 | 180 | 5420 |
| **%** | 1.61 | 8.69 | 9.80 | 19.80 | 12.55 | 4.26 | 4.59 | 35.39 | 3.32 | 100.00 |

| **OFFICE** | **ORAL** | **P1 Q1** | **P1 Q2** | **P1 Q3** | **TOTAL P1** | **P2 Q1** | **P2 Q2** | **P2 Q3** | **P2 Q4** | **TOTAL P2** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Massimu** | 15 | 25 | 50 | 10 | 100 | 15 | 15 | 35 | 35 | 100 | 100 |
| **Karta 1 u 2A** | | | | | | | | | | | |
| **medja** | 11.7 | 13.5 | 31.8 | 6 | 62 | 5.5 | 6 | 18.9 | 17.6 | 47.44 | 55.03 |
| **Karta 1 u 2B** | | | | | | | | | | | |
| **medja** | 9.64 | 9.58 | 21.71 | 3.84 | 40.76 | 3.80 | 3.04 | 9.77 | 8.44 | 22.55 | 31.65 |

**L-ewwel Karta**

**Taqsima 1 - Komponiment**
**Nota Ġenerali**

**1.Temi mogħtija:**
**1.i. Trattament tat-temi**
**1.ii. Il-Lingwa fil-Komponiment**

a. Żbalji ta' l-ortografija
- i. żbalji banali jew elementari
- ii. ortografija stramba

b. Vokabularju
- i. it-tifsir u d-differenza ta' ċertu kliem/frażijiet:
- ii. vokabularju użat b'mod żbaljat
- iii. nuqqas ta' distinzjoni bejn kliem li għandu l-istess ħoss
- iv. użu ta' kliem "stramb"
- v. kliem jew frażijiet bl-Ingliż jew bit-Taljan
- vi. kliem bl-Ingliż/bit-Taljan maqlub għall-Malti.
- vii. vokabularju mhux addattat għall-komponiment

ċ. Grammatika
- Użu ħażin ta' partiċelli
- Nuqqas ta' sekwenza u qbil fl-istess sentenza ta' ġens u għadd mas-suġġett jew inkella l-konjugazzjoni tal-verbi:

d. Sintassi skorretta

e. Kostruzzjoni tas-sentenzi
- Ġeneralizzazzjoni.
- Repetizzjoni mhix meħtieġa

f. L-użu ta' l-idjoma Maltija

ġ. Malti mhux Malti jew Maltingliż?

**1.iii. Kostruzzjoni tal-Komponimenti**

**Taqsima 2**

**2. Fehim it-Test – Mistoqsijiet**
**3. Għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha**
**4. Grammatika**
**5. Aspett Simboliku**

**Taqsima 3**

**Ittra**
**Tqassir ta' silta**

**L-ewwel Karta**

**Taqsima 1 – Komponiment**

**Nota Ġenerali:**

Sibna ħafna komponimenti tajbin fis-sura u fil-ħsieb tagħhom. Mandankollu rridu ngħidu li ltqajna wkoll ma’ kwantità kbira ta’ komponimenti b’ħafna difetti serji fil-kitba. Ta’ min jgħid li dawn l-iżbaji huma x’aktarx ħtija ta’ traskuraġni. Donnha daħlet l-idea li tikteb kif tikteb kollox jgħaddi, basta iżżomm mat-tul tal-kitba mitlub minnek.
Kien hemm għadd ta’ komponimenti, l-aktar dawk ta’ kandidati li qagħdu għall-Karta B, fejn l-ideat kienu limitati wisq. Jidher li l-kandidati ftit li xejn ħasbu fuq is-suġġett qabel qabdu jiktbu l-komponiment. Xi ideat kienu banali jew puwerili wisq, u ma tistennihomx minn kandidati ta’ sittax-il sena. Jidher sewwa n-nuqqas ta’ qari, kif ukoll in-nuqqas ta’ kitba ta’ komponimenti matul il-kors.

**1. Temi mogħtija:**
It-temi mogħtija kienu mmirati biex jintlaħqu kemm minn studenti li jagħmlu l-karta 2A, kif ukoll dawk li jagħmlu l-karta 2B. Madankollu jinħass li ftit kandidati għażlu temi li kien fihom ċerta sfida jew impenn.

Fil-fatt it-temi li ngħażlu kienu fl-ordni kif ġej, (l-aktar popolari tidher l-ewwel):
e. L-aktar kamra għal qalbi fid-dar.
d. Kieku tkellimt ma kienx jiġri dak li ġara.
a. Is-siwi ta’ l-isport
ċ. Int intgħażilt mis-Sindku………..
b. Ġurnalist magħruf għamillek intervista ……..

**1.i. Trattament tat-temi:**
**a**. *‘Is-siwi ta’ l-isport’*
Dan kien komponiment argumentattiv fejn l-istudenti setgħu jagħtu l-ideat favur jew kontra l-isport.
Dan is-suġġett kien ittrattat b’mod l-istess, tista’ tgħid kelma b’kelma, minn kull min għażel lilu. X’aktarx li kien ittrattat f’xi *topic* skolastiku, ngħidu aħna, fl-istudji soċjali. Kienu ftit ferm dawk li ppruvaw juru xi oriġinalità.
Ħafna studenti ma tawx definizzjoni ta’ xi jfisser sport għalihom, waqt li oħrajn semmew il-lat negattiv biss ta’ l-isport. Il-maġġoranza ta’ l-istudenti f’dan il-komponiment semmew ir-raġunijiet għaliex hu siewi l-isport, bħal:

- *għall-piż żejjed (obeżita`)*
- *psikoloġikament biex isserraħ il-moħħ*
- *bħala passatemp*
- *għall-kummerċ (biex jaqilgħu l-flus minnu)*
- *issib ħbieb ġodda u*
- *inaqqas il-problemi tal-vizzji, d-droga, ix- xorb eċċ…*
- *jinġabru flus għal nies inqas ixxurtjati minna*
- *jnessik il-problemi tal-ħajja*
- *għaliex iġġib l-għaqda bejn in-nies il-poplu u pajjiżi differenti*

Kien hemm studenti li żammew l-isport bħala tema ġenerali, iżda kien hemm oħrajn li semmew tipi differenti ta’ sport bħal baskitbol, volibol u tennis, għalkemm ħafna drabi jispiċċaw jiktbu dwar il-futbol. Filfatt dejjem issemma l-futbol bħala eżempju għall-argument li jkunu qed jiktbu dwaru.

Ħafna studenti wkoll kitbu l-ismijiet ta’ l-isport bl-Ingliż, meta setgħu kitbuhom bil-Malti, eż.

- *football* (futbol)
- *tennis* (tennis)
- *team* (tim)
- *club (klabb)*
- *league* (lig)
- *volleyball* (volibol)
- *basketball* (baskitbol)

<u>Xi espressjonijiet jew ideat sbieħ :</u>

- *l-isport salmura tal-ġisem*
- (Il-ġisem) *qisu magna ta' karozza, u trid tieħu ħsiebu*
- *L-isport huwa mod ta' kif wieħed jinqata' mill-problemi li ġġib magħha il-ħajja ta' kuljum, hekk kif tibda titla' x-xemx.*
- *Il-benefiċċji ta' l-isports qishom katina, wieħed iwassal għal ieħor.*
- *L-għaqda li jkun hemm mhix xi rabta ċoff.*
- *Id-duwa ogħla mix-xahar u l-isports ibegħdna mill-mard*
- *għalxejn tibni l-għarix wara li joħdulek il-bħajra* (Qed jirreferi għal min ibati bl-obeżita' u jrid jagħmel dieta)

**b. 'Ġurnalist magħruf għamillek intervista fuq ''Il-ħela ta' ħin''. Ikteb l-intervista biex twassal l-ideat taż-żgħażagħ edukati tal-lum'.**

Il-kandidati kienu mitluba li joħolqu intervista bejnhom u bejn ġurnalista f'forma ta' mistoqsijiet u tweġibiet sabiex toħroġ ċara t-tema ta' l-intervista.

Dan il-komponiment ma tantx intgħażel mill-istudenti, però minn dawk li għażluh kien hemm min għamel l-intervista fejn hu/hi kien/kienet iż-żagħżugħa intervista/t, u kien hemm min għażel li adult qed ikun intervistat u jitkellem dwar iż-żgħażagħ. Xi drabi dan il-komponiment ma sarx fil-forma ta' intervista minħabba li nkiteb f'forma ta' rakkont jew komponiment argumentattiv, bil-paragrafi. Kien hemm każi fejn il-kandidati ma fehmux is-suġġett sew u esprimew dak li dehrilhom.

**ċ. 'Int intgħażilt mis-Sindku tal-lokal tiegħek biex tagħti taħdita fuq "Indafa fil-Komunità". Ikteb it-taħdita.'**

Komponiment li fih l-istudent bħala kelliem kellu jittratta t-tema f'taħdita pubblika.

Ftit kienu l-istudenti li għażlu dan it-titlu. Ħafna mill-istudenti ma għamlux l-indirizz tal-bidu li jsir f'taħdita (e.ż. Sur Sindku, Kunsilliera, eċċ…). Kien hemm xi każ fejn saħansitra l-bidu kien: *Jien qed nikteb din it-taħdita…* L-appell/stedina jew suġġeriment ta' l-aħħar ma deher fl-ebda komponiment.

L-aspett ta' taħdita pubblika fil-biċċa l-kbira kien batut, u l-ideat kienu komuni fuq l-indafa fil-lokalità; l-iskips, il-kenniesa, il-'wardens', il-'bring-in sites', it-tankijiet taż-żibel, il-ħmieġ li jħallu l-klieb fit-toroq, u li jsiru kameras mal-ħitan ma' l-għelieqi. Xi studenti qalu li dawn l-affarijiet, diġà saru fir-raħal, jew li hemm bżonn isiru jew nieħdu ħsiebhom.

**d. 'Kieku tkellimt ma kienx jiġri dak li ġara'**

Dan il-komponiment seta' kien ittrattat f'forma narrattiva, l-aktar forma faċli għall-istudenti. F'dan il-komponiment aktar minn oriġinalità, inħass li kien hemm rakkont ta' l-esperjenzi diretti tal-kandidati jew magħrufa mill-kandidati, esperjenzi aktarx personali jew fil-qrib tagħhom. Hija preokkupanti l-inċidenza ta' stejjer/esperjenzi mhux sempliċement negattivi, imma negattivissmi u saħansitra suwed li kien hemm f'għadd ġmielu ta' *rakkonti*, minn dawn iż-żgħażagħ ta' sittax-il sena. Dawn m'humiex sempliċement stejjer ta' problemi li jħabbtu wiċċhom fl-età tagħhom, imma l-problemi kbar li qed jaħkmu aktar u aktar is-soċjetà kontemporanja tagħna. Dawn il-problemi ħarġu biċ-ċar fl-esejs tal-kandidati:

- *id-disgregazzjoni tal-familja, li mhux sempliċement tferihom profondament biss;*
- *ir-relazzjonijiet li jgħaddu minnhom, ġieli mill-inseperjenza;*
- *l-imxija kuntaġġjuża tad-droga u t-traġedji li sikwit iġġib magħha;*
- *it-telf totali tal-valuri tal-ħajja riflessi f'aborti, suwiċidji u omiċidji voluntarji.*

i. L-ideat li spikkaw l-aktar kienu dwar:

- *xi ħadd minn sħabhom li kien/et j/tieħu d-droga,*
- *il-'bullying' jew abbuż tal-'bullying'*
- *li sema'/semgħet lil xi ħallelin jitkellmu dwar xi serqa*
- *ġrajja ta' xi ħabib/a li kien/et j/toħroġ ma' ġuvni/tfajla u fl-istess waqt kien qiegħed/qiegħda ma' ħaddieħor.*
- *ġrajja ta' ħabiba li ħarġet tqila u r-reazzjoni tal-familja tagħha*

ii. F'xi komponimenti kienet tinħass l-influwenza tat-T.V. Student semma li *kien isir vampir u ma tkellimx sakemm, darba ma setax jikkontrolla lilu nnifsu u gidem lil xi ħadd u sar bħalu!*

iii. Numru mhux żgħir ta' komponimenti kien storja b'xi tiġbida mqanżħa fl-aħħar biex tintrabat mat-tema mogħtija. Xi studenti semmew xi każijiet tad-daħk għax fir-realtà x'aktarx impossibbli li jiġru, bħal per eżempju :

- *ra lil nies li kienu se jisparaw lil nanntu u ma qalilhiex. !!!*
- *rahom se jisplodu l-'Power Station' minn ġo ħanut faċċata u ma tkellimx, meta ftit qabel zijuh kien daħal hemmhekk. !!!*
- *laqqat daqqa ta' karozza kbira u 'faqgħu bid-daqqa' u lit-tabib qallu li gidmu kelb, u emmnu. !!!!*
- *marru jisirqu u qabduhom , bagħtuhom id-dar u l-għada rċevew karta għall-qorti. L-għada telgħu l-qorti u l-proċess inqata' dak in-nhar stess. !!!!*

Xi espressjonijiet jew ideat sbieħ :

- *'Kont nistħajlu qisu ferrovija b'magna eterna mħarsa minn Alla'* (għal sieħbu qabel ma beda jieħu d-drogi).
- '*Ħajjet Fredu qiegħda fuq ħabel tat-tajjar'.* (għal sieħbu marid serjament).
- '*Il-ħbieb sal-bieb'.*
- *'Kelma tajba u edukata tiffrankalek battikata'*.
- *'Kien pallidu, donnha l-marda kienet diġa' ħadet ir-riedni f'idejha … iż-żmien tgerbeb u miegħu ġarr l-akbar ħabib tiegħi'* (għal sieħbu li kien marid bl-HIV).
- '*Il-ħajja mhix miexja fuq ir-rubini'*
- *'Ma jimpurtahx, qisu waqqet id-dinja fuqu u għafsitu sakemm anqas qatra demm ma stgħet toħroġ minnu'*.
- '*ix-xena tal-biża' li dallmitli l-ħolm tiegħi minn dik il-ġurnata sal-lum.*' (Gallerija ta' teatru li taqa' fuq it-tfal)
- '*għajnejja għoddhom ser jisplodu biex jipproduċu nixxiegħa ta' dmugħ bla tarf,* (meta mietet ħabiba tagħha bid-droga).
- *Dik il-lejla xorob aktar mis-soltu. Rajt jixxengel min-naħa għall-ohra qisa qasba tixxejjer mar-riħ.*

Idjomi użat f'waqqithom

- *Kieku minn daqshekk, kien raħal magħqud, b'nies taz-zokkor, imma meta tasalil-festa ħoll xagħrek u ġib iż-żejt.*
- *Kollox kien sejjer ħarir meta f'daqqa waħda instema' leħen mill-folla.*
- *Mill-esperjenza man-nies li jiffurmaw il-kumitat ta' dak il-każin tgħallimt li, jekk tidħol bejn il-basla u qoxritha toħroġ b'rihitha.*

**e. L-aktar kamra għal qalbi fid-dar**

Dan il-komponiment intgħażel minn ħafna mill-istudenti, iżda l-parti l-kbira tal-komponimenti tista' tgħidilhom tal-ħabba gozz. Rarament kien hemm attentat għal oriġinalità, imqar fl-għażla tal-kamra li nkiteb il-komponiment dwarha. Il-kmamar li ssemmew kienu, kull xorta ta' kamra li ssib fid-dar: *Il-kamra*

- *tas-sodda tagħhom*
- *tas-sodda t'ommhom*
- *tal-bejt*
- *tas-salott*
- *ta' l-imbarazz*
- *tal-pranzu*
- *il-kċina*
- *ta' l-istudju*

- Saħansitra student għażel *il-kamra tal-banju* għax *"nisakkar fiha u ħadd ma jidħol fuqi"*!!!

Xi studenti immaġinaw li huma xi annimal, u bħal annimal semmew il-kamra favorita tagħhom. Eż.

- Student qal li hu kien "*ġurdien u nħobb il-kċina tad-dar fejn nistaħba."*
- Student ieħor qal li hu *"għasfur u nħobb il-ventilatur għax hemm nagħmel il-bejta tiegħi."*

Bla tlaqliq ngħidu li fil-parti l-kbira tal-każijiet it-trattament ma kienx wisq aħjar minn dak ta' studenti tajbin fil-livell tas-sitt sena tal-primarji. Ma jinħassx li kien hemm xi oriġinalità fil-komponimenti fejn studenti jagħtu deskrizzjoni tal-kamra tagħhom hekk

- *Il-ħajt miżbugħ lewn il-ġilda taż-żebra, kulur preżentabbli u klassiku. Ma' ħajt minnhom hemm ħdax-il kwadru li KOLLHA JIRRAPREŻENTAW LILI. !!!*

L-aktar ħsibijiet li ħarġu fil-maġġoranza ta' dawn il-komponimenti kienu li l-kamra hija

- *moħba mir-realtà tal-ħajja, mill-problemi ta' l-età tagħhom,*
- *iżolament mill-bqija tal-familjari, u allura tnaqqas il-komunikazzjoni fi ħdan dan in-nukleu importanti*
- *il- post ta' refuġu mill-problemi sentimentali.*

Mill-bqija ħafna kienu sempliċement inventarju ta' x'hemm fil-kamra.

Xi espressjonijiet jew ideat sbieħ:

- *Mużika li takkompanja l-lejl li jagħmel is-salott ġenna ta l-art.*
- *Tħares barra tara xmara ta għelieqi.*
- *Id-dar hija t-teżor ta kull wieħed u waħda minna*.
- *Il-kamra tistennieni bidejha miftuħa, tħaddanni magħha u tagħmilli kuraġġ.*
- *Il-kamra tiegħi tinbidel skond l-istaġuni, fis-sajf tilbes libsa ħafifa u fix-xitwa libsa ħoxna*.

**1.ii. Il-Lingwa fil-Komponiment**

Il-komponiment hu mezz tajjeb biex jitkejjel it-tħadim tal-lingwa miktuba. Hawn ser niġbdu xi żbalji l-aktar komuni, kif ukoll xi punti tajbin li kien hemm f'din il-kitba kreativà ta' l-istudenti.

**a. Żbalji ta' l-ortografija**

L-iżbalji ta' l-ortografija jnaqqsu ħafna marki. Din hija twissija li tidher ta' kull sena f'kull karta ta' l-eżami tal-Malti. Kandidat li jagħmel ħafna żbalji ta' l-ortografija juri li ma jafx jikteb bil-Malti. Hawn ġbarna l-iżbalji ta' l-ortografija taħt diversi rjus.

i. L-iżbalji serji ta' l-ortografija dehru fejn jidħlu l-*għ*, l-*h*, il-konsonanti doppja, l-*ie*, l-assimilazzjoni ta' konsonanti, in-negattiv. Dawn huma, fost oħrajn, xi żbalji li ltqajna magħhom

- *Inbgħatu*
- *għall-ġisimna*
- *għallura*
- *nisbohha*
- *noqod*
- *filodu*
- *najd*
- *attu*
- *ajtitli*
- *tajċ*
- *ninqwita*
- *għaluli*
- *telat*
- *qadt*
- *bħalhu*
- *jajtu*
- *intaqaw*
- *tijghek*
- *fiċċaw*
- *tista*
- *tħarres*
- *għalliex*
- *satellitta*
- *nerġa*
- *nibnieħ*
- *qbat*
- *nisma*
- *noqod*
- *nixba*
- *gimgħatejn*
- *nilgħabu*
- *imħadded*
- *nitbellħu*
- *qegħda*
- *memx*
- *jirillassaw*
- *saħtek*
- *tiqba*

ii. Xi wħud kienu żbalji banali jew elementari bħal;

- *jiġrilu **il**-ġisem*
- *huwa **u**koll*
- *nafu **i**ndunajt*
- *huwa **i**d-dehra*
- ***z**baljajt*
- ***g**rieden*
- *min **j**kun*
- *ħmistax **il**-lira*
- ***is**-stalel*
- ***lis**-sport*
- *ma**'** jaqbdux*

iii. Kien hemm ħafna każi ta' ortografija stramba wkoll:

- *S'hemm (*sehem*)*
- *penik (*fixla paniku*)*
- *għalla vorja jew allavorja*
- *ġiffieri*
- *d-dejquk*
- *nid-devertu*
- *man-komplux*
- *(t)bissima*
- *t'bidel (*tbiddel*)*

- *ħan solvuwa*
- *j'varjaw*
- *b'ħalissa*
- *t'marrad s-solvija*
- *s-sibx*
- *ċ-ċelebraw*
- *r-realizzati*
- *l-ingwaġġ*
- *l-menti*
- *l-apes*
- *mill-l-inkwiet*
- *l-aħqu il-ħaqt*
- *l-estejt*
- *l-għabna*
- *narkumendaw* (nargumentaw*)*
- *"married" (*marid*)*
- *għatti (*atti*)*
- *għxi (*xi*)*
- *għodju (*odju – mibegħda*)*
- *Għajru-plan*
- *għall-lelluq (*għal għeluq*)*
- *toħroġ mijaw (*miegħu*)*
- *mġieba*
- *żagħżaħ*

**b. Vokabularju:**

1. Il-kandidati ma jafux sewwa t-tifsir u d-differenza ta' ċertu kliem/frażijiet:

- *sengħa* (minflok) *ħila*;
- *kulħadd* (minflok) *kulmin*;
- *ħdim* għar-raħal (minflok) *ħidma* għar-raħal;
- il-qaddis *tal-parrokka* tagħhom !!! (minflok) *tal-parroċċa*
- *żerżieqa* (minflok) *żaqżieqa*.
- *Itla'* (minflok) *qum minn fuq is-sufan.*
- Mejda twila *li tpoġġi (*sits*) xi tmintax-il ruħ;* (minflok): Mejda twila *li madwarha joqogħdu*
- *Staqsieni* (asked) (minflok) *talabni*
- *Bejn xulxin* (minflok) *bejnietna*
- *Ħażen* (minflok) *ħsara* ( ruin, damage)
- *Riflessjoni* (minflok) *rifless*.
- *Ilmenti* (minflok) *elementi*
- *Tal-madwar* (minflok) *ta' l-inħawi.*
- *Kamra maqsuma* (minflok) *imqassma*
- *Naqa'* (minflok) *naqra*
- *ġie ġa* (minflok) *diġà*
- *Imboġġi* (minflok) *inpoġġi*
- *Tratt* (minflok) *ritratt*

ii. Vokabularju użat b'mod żbaljat - żbalji komuni u ripetuti sena wara sena:

- *Biswit* (minflok) *faċċata*
- *Mbikkem* (minflok) *imbikki*
- *Bħal dejjem* (minflok) *bħas-soltu*
- *Wara għandna* (minflok) *wara li jkollna*
- *Materjal* (la Ingliża) (minflok) *drapp*.
- *Morali* (minflok) *moral*
- *Raġun* (minflok) *raġuni*
- *Tissagrifika* (ħin) (minflok) *tiddedika*
- *għalfejn* (tirreferi għal post) (minflok) *għaliex* jew *għalxiex* (why).

iii. Vokabularju fejn l-istudenti ma jagħmlux differenza bejn kliem ta' l-istess ħoss bħal:

- *skond – skont*;
- *ftit – ftiet*.
- *Ħadd – ħatt*
- *Xagħar - xahar*

iii. Użu ta' kliem "stramb" bħal

- *mismat* minflok *mismugħ*
- *skonoxxut*
- *danneġġati*
- *petardi*
- *letturi* (qarrejja)
- *respondenza* (risposta)
- *Niddipressew* (niddejqu)
- *naseġġewarix* (nesaġerawhiex)

v. Kliem jew frażijiet bl-Ingliż jew bit-Taljan (għalkemm jistgħu jinkitbu bil-Malti).

- *team work*
- *air-conditioner*
- *tickets*
- *weekend*
- *football, basketball eċċ*

vi. Kliem bl-Ingliż/bit-Taljan maqlub għall-Malti.

- *jirrilassak*
- *tirrikrea*
- *tillumina*
- *timpedixxi*
- *irrealizzajt*

vii. Vokabularju mhux addattat għall-komponiment.

- *L-isport jiffurmalek ġisem tal-ġenn,*
- *tawni kamra vera bomba,*
- *ridt tarani man!*

**ċ. Grammatika**

i. Użu ħażin ta' partiċelli (fejn, fuq, …)–

- FEJN użata indiskriminatament għal kollox u mhux f'kuntest ta' POST;
- *Jiddependi FUQ* minflok *jiddependi minn.*
- *Filgħodu <u>FEJN</u> it-temp ikun frisk* minflok <u>*META*</u> jew <u>*X'ĦIN*</u>
- *Tħares lit-television* minflok *lejn it-television* (jekk mhux *tara*….)

ii. Nuqqas ta' sekwenza u qbil fl-istess sentenza ta' ġens u għadd mas-suġġett jew inkella l-konjugazzjoni tal-verbi:

- *jekk Alla tħobbok;*
- *il-mewġ qed jiġu;*
- *id-dar huwa;*
- *il-ġimgħa li għadda(last week);*
- *il-lejl kollha;*
- *l-isport minbarra li jagħtik ċertu saħħa fiżika jifformalu l-karattru.*
- *(ma') kull tip ta' sport għandek l-ikel abbinat miegħu.*
- *Kull tip ta' sport mhuwiex tajjeb għal kull bniedem.*
- *Il-ħasda li ħadet Karen hija kbira wisq.*
- *Kienet l-ikbar kamra mill-kmamar l-oħra u tista' timmaġina x'hemm ta' l-imbarazz.*
- *…il-bniedem għandu jinsa ftit mill-problemi u titgħallem tikkontrolla lilek innifsek*
- *Is-sema kienet għadha mimlija*
- *inħares jekk iċ-ċikkulata jistax jieklu*
- *aħna kienu iddeċidew li inmorru*

d. Sintassi skorretta:

- *l-isport għandu siwi ħafna importanti.*
- *Waqt li nħares mit-tieqa xi kultant…*

e. Kostruzzjoni tas-sentenzi

i. <u>Ġeneralizazzjoni.</u>

- *'Żgur li **kull** mara tad-dar tħobb il-kċina.',*
- *'**aħna** (il-Maltin) ma tantx għandna ħin nipprattikaw u nieħdu sehem fl-isports'*
- *'Żgur **fl-ebda post** ieħor minti sa issib l-affarijiet li għandi jien fil-kamra tiegħi'*
- *'**Nassigurakom** li din hi **l-isbaħ** u **l-akbar** kamra li se taraw'*

ii. *Repetizzjoni* mhix meħtieġa:

- <u>*l-importanza*</u> ta' l-isport hija fattur <u>*importanti*</u>
- għal <u>*xi*</u> <u>*ċerti*</u> nies
- jien <u>*għalija*</u>, fl-opinjoni <u>*tiegħi*</u>
- marret <u>*tqajmu*</u> biex <u>*iqum*</u>
- <u>*hekk kif*</u> <u>*appena*</u> ħierġa
- <u>*tagħha*</u> <u>*li kellha*</u> kienet tilfithom
- bin-<u>*neċessitajiet*</u> kollha <u>*meħtieġa*</u>

f. L-użu ta' l-idjoma Maltija

Hemm min għamel użu tajjeb minn idjomi (stock idioms) biex jagħti aktar stil lill-kitba tiegħu/tagħha. Xi drabi nħass li kienu qegħdin jintużaw artifiċjalment – jew għax xi ħadd qalilhom: użaw l-idjomi ħalli timpressjonaw. Drabi oħra l-idjomi ma kenux użati kif suppost eż:

- *Ħalla ż-żmien isajjar il-bajtar f'Londra u ġie Malta. !!!!!*
- *Tipprattika kemm Alla ħalaq sportijiet…*

**ġ. Malti mhux Malti jew Maltingliż?**

Għadd ġmielu mill-komponimenti juru ċar li min kiteb, normalment ma jitkellimx bil-Malti, U QATT MA NDENJAW RUĦHOM JITGĦALLMUH BIS-SERJETÀ:

- *L-isport jidher ħala(sic) wieħed minn l-iżjed popolari ħaġiet biex taġġmel Għal xi wħud l-isport huwa l-ħajja tagħhom u ma jgħixux **mingħajrh***
- *Għamlu żgur li ħadd ma rahom - they made sure nobody saw them*
- *Ma nistax inġib ruħ - I can't bring myself to…*
- *Ħuh tiegħi (my brother)– minflok ħija*
- *Fuq il-bajja – on the beach*
- *Inżommu darna nadif*
- *L-isport **jilgħab** (plays) (flok għandu) rwol importanti*
- *Jekk nagħmlu sport li jilgħab (minflok jintlagħab) ġo team (sic)*
- *L-anzjan li offra reżistenza kien **ġie sparat** (was shot)*
- *Qatt ma kienet jogħġobni (għal kamra)*
- *Mario ġab l-idea – Mario came up with the idea*
- *Fejn għandi artikli reliġjużi (religious articles)*
- *Tilfu l-piż - lost weight*
- *Ma tarmix skart fuq l-art – on the floor*
- *Jogħġobni ngħid – I'm pleased to say*
- *Malatiji jwaoditarjament*
- *arredata essaċċ*
- *għal dawk l-istranti*
- *trabil*
- *palestra*
- *inkredibilment*
- *Anke fejn sitwat hija idejal għax il-kamra sitwat 'il bogħod mit-triq*
- *għax b'verita' ma nogħġbux alik il-kamra;*
- *Hija kbira kważi dawskemm piċċ tal-futbol*
- *ovvjament biex fiha neħli l-ħin trid tkun kamra arredata sew*
- *u jinftehmu għax indafa hija sbuħija*
- *jekk is-soċjeta' ma żżomx il- komunita nadifa ħa tbagħti*

**1.iii. Kostruzzjoni tal-Komponimenti**

i. *Introduzzjoni, paragrafi u għeluq*

- Introduzzjoni u konklużjoni qosra u xotti. Xi drabi anke sentenza waħda biss.
- Nuqqas ta' bilanċ bejn it-tul tal-paragrafi wħud twal ħafna u oħrajn qsar ħafna.

ii. *Il-punteġġjatura* fil-komponimenti kienet difettuża, ħafna drabi nieqsa jew inkella mhix f'postha. Ħafna kandidati jibqgħu għaddejin fejn suppost l-argument jitlob sentenza ġdida. It-tqassim f'paragrafi, ħafna drabi MA JEŻISTIX. B'hekk il-komponiment kienu biss, xi drabi, sentenzi twal. Xi kultant sentenza anke tagħmel paragrafu wieħed sħiħ!

iii. Xi drabi kien hemm *nuqqas ta' ppjanar* u organizzazzjoni sew ta' l-ideat fil-komponiment.

iv. Ġieli jinkitbu ittri kapitali f'nofs il-kelma. Eż.: '*l-iRwol*', '*nfusNa', iMportanti, l-Importanti, L-Isport*, imbagħad min-naħa l-oħra n-nomi proprji jinkitbu bl-ittri żgħar. Eż. : *'it-tnejn'* (ġurnata), *l-għadira* (post), *paceville*, *sal-buskett*.

v. Għadd ġmielu ta' komponimenti kellhom kitba li tqarreb aktar lejn diskors, bi frażijiet qosra u b'idjomi mixħuta kif ġie ġie. Dawn huma xi espressjonijiet, ħafna drabi bla sens, mitluqa bl-addoċċ li dehru f'għadd ta' komponimenti.

- *sports salvaġ*
- *ma niftaħx kelma minn ħalqi*
- *fanatisti fuq it-tim tagħhom*
- *persuni obliżi*
- *taħraq il-caloriji li dawn ikunu piż żejjed fil-ġisem tagħna*
- *jiġu mumenti fejn*
- *iż-żmien fejn*
- *li jigi ntużat*
- *leħen ta' berqa,*
- *l-isport hija kelma li minnha joħorġu ħafna tipi ta' esempji*

- *l-għajnuna mentali*
- *jekk stajtx nitilgħu*
- *nemmnu għal dawn l-affarijiet*
- *jeżiztu diversi sport fejn*
- *wieħed jista' jagħżel l-aħjar għaliħ personali meta imut persuna*
- *l-isport jgħinek ħafna għall saħħitna*

***Xi affarijiet tajbin li ħarġu mill-komponiment kienu*:**

Kien hemm ftit kandidati li użaw vokabularju li għalkemm ma tantx għadu jintuża llum, madankollu billi kien użat tajjeb sebbaħ il-komponiment. Eż : *'qamar il-għasel'* jew inkella aktar oriġinali. Eż. : *'qoxra tal-baħar',* minflok dgħajsa.

Ħaġa sabiħa wkoll kienet li xi wħud kitbu l-ismijiet bil-Malti bħal: *'Ġanni'* u *'Mari'.*

**Taqsima 2**

**2. Fehim it-Test – Mistoqsijiet**

B'mod ġenerali l-istudenti marru mhux ħażin f'dan it-taħriġ għalkemm meta mqabbel ma' snin oħra jidher li l-istudenti ma marrux daqstant tajjeb. Jidher li bosta sabu s-silta kemxejn tqila jew astratta u għalhekk it-tweġibiet tagħhom ma kinux dejjem ċari u eżatti. Ħafna drabi l-kandidati taw l-istess tweġiba għal mistoqsijiet differenti. Dan ġara l-aktar fl-ewwel tliet mistoqsijiet, bħal donnhom ma kinux jafu eżatt x'inhi d-differenza bejn dawn il-mistoqsijiet.
Xi kandidati ma weġbux fi kliemhom u spiċċaw ikkupjaw *verbatim* siltiet sħaħ jew sentenzi, kelma b'kelma mis-silta. Kandidati oħra ma jwiġbux b'sentenza kompluta. Biex bħal donnhom iserrħu rashom li 'jolqtu' t-tweġiba t-tajba, sibna wisq tweġibiet li kienu twal għalxejn, b'materjal irrelevanti għall-mistoqsija li tkun saret, jew tweġibiet li għal kollox, ma jkollhom x'jaqsmu xejn la mal-mistoqsija u ġieli anqas mat-Test mogħti.
Sintendi, dawn kienu ppenalizzati minħabba li l-istruzzjonijiet tat-taħriġ jagħmluha ċara li t-tweġibiet għandhom ikunu fi kliem l-istudent.

Għall-mistoqsija 2d il-kanditati taw it-tweġiba tagħhom sa l-anqas dettall eż:*"Il-kittieb jagħti parir biex nrażżnu l-ħsibijiet żgħar li jiġuna, nħarsu lejn ċertu affarijiet b'mod realistiku u nieħdu kemm jista' jkun minn dak li hu tajjeb.*"

Meta ġew biex jirrispondu l-mistoqsija (e) *Minn xiex ikun ġej ħafna mill-inkwiet ta' kuljum ta' ħafna nies?* bosta studenti injoraw is-silta u taw bosta raġunijiet oħra minn moħħhom bħal ngħidu aħna, *id-drogi, is-sess u l-inkwiet fil-familja*. Oħrajn ma fehmux is-silta u għal din il-mistoqsija wieġbu, *il-mard, il-mewt u n-niket* meta fis-silta kien hemm ċar li m'humiex dawn l-affarijiet li jifnu lil ħajjitna iżda <u>l-inkwiet għal xejn b'xejn ta' kuljum.</u> Oħrajn wieġbu b'mod żbaljat għal kollox eż. *"Ħafna mill-inkwiet ta' kuljum ikun ġej minn awl id-dinja"* jew "*Ħafna mill-inkwiet ikun ġej minn ħajjithom stess jew xi xagħra ġo l-ikel"*.

Bosta studenti tilfu wkoll il-marki minħabba li t-tweġibiet tagħhom ma kinux ċari jew inkella kienu sintattikament u/jew ortografikament żbaljati per eżempju:
f. "*Il-kittieb ta' din is-silta jurina fih il-mod ta' kif hu sod għal problemi tigħu li kien għalih in-nies ma jinkwetawx ħafna d-dinja timxi b'mod aktar kalm u trankwill.*"

**3. Għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha**

Dan it-taħriġ, li fih sittax-il marka, għen lil ħafna studenti jiġbru ħafna marki. Madankollu, kien hemm bosta studenti oħra li m’għarfux iwieġbu tajjeb dawn il-mistoqsijiet, l-aktar dawk ta’ taħriġ 3.

F’taħriġ ***3a*** jidher li l-istudenti l-aktar li sabuha diffiċli biex ifissru kienu l-ewwel żewġ mistoqsijiet (i) *tegħleb lilek innifs*ek u (ii) *minn awl id-dinja*. Dawn, jew tħallew barra, jew inkella twieġbu b’mod żbaljat kif jidher minn dawn l-eżempji li ġejjin:

*(i)* tegħleb lilek innifsek:
- *ikollok is-saħħa mentali li ma tħallix lilek ifusek jegħlbek*
- *tiġġieled miegħek stess*
- *tkun sod*

*(ii)* minn awl id-dinja
- *Min-naħa l-oħra tad-dinja*
- *Xi ħaġa rari ħafna*
- *Mibgħut mid-dinja*
- *Kif kellu jsir*
- *Dan huwa l-mod tad-dinja*
- *Ma jiġix minn din id-dinja*
- *Minn qiegħ id-dinja*
- *Fil-kontroll tad-dinja*
- *Mill-parti l-kerha tad-dinja*
- *Tappartjeni lid-dinja*
- *Tkun gej mid-dinja*
- *Minn qiegħ id-dinja*
- *Mill-pjan ta’ l-univers*
- *Kif jixtieq Alla*
- *Ġej min-naħa tad-dinja*
- *Minn ħlejjaq tad-dinja*
- *Minn wara l-muntanji*
- *Kull tarf tad-dinja*
- *din hija xi ħaġa, karatteristika tad-dinja, li l-affarijiet mhux dejjem kif irriduhom jiġu.*
- *dan huwa l-mod ta' kif iddur id-dinja*

*(iii)* indendlu geddumna ma’ l-art
- *ikollna geddum kbir*

*(iv)* niġġieldu fuq l-intietef
- *niġġieldu fuq id-dimonji*

F’taħriġ ***3b*** fejn l-istudenti kellhom isibu kelma jew frażi fis-silta li tfisser l-istess bħall-kelma jew il-frażi mogħtija. Jidher li l-aktar mistoqsijiet li inkwetaw lill-istudenti kienu (i) *iffissa* u (iv) *il-karattru tagħhom*. Għal darba oħra, bosta kandidati ma weġbux dawn il-mistoqsijiet jew inkella weġbuhom b’mod żbaljat għax ma qrawx jew ma fehmux sew id-domanda.

3b (i) **jiffissa** - *tinkwieta żżejjed*
3b (ii) **mibnija** - *jinbet*
3b (iii) **paċenzja** -*hieni*
3b (iv) **il-karattru tagħhom** - *fis-setgħa tagħna*

**4. Grammatika**

Din it-taqsima kienet l-aktar għadma iebsa għall-istudenti. Bosta kandidati jidher li mhumiex imħarrġin fil-grammatika Maltija. Jidher li l-kandidati ma jafux it-terminoloġija tal-grammatika, anqas dawk li suppost li ilhom jafuhom mill-iskola primarja, jew li huma komuni għal-lingwi oħra li huma jkunu tgħallmu.

Kienu ftit ferm dawk l-istudenti li marru tajjeb f’dan it-taħriġ. Huwa diffiċli tgħid liema mistoqsijiet l-istudenti sabuhom l-itqal, minħabba li b’mod ġenerali l-livell tat-tweġibiet ta’ l-istudenti kien batut ferm u mifrux fuq il-mistoqsijiet kollha. Ma nistax nifhem kif bosta studenti għadhom ma jafux x’inhu aġġettiv, nom, partiċipju passiv jew verb kwadrilitteru. Bosta studenti wkoll ma kinux jafu xi tfisser ‘it-tielet persuna plural’ meta ġew biex jagħtu l-plural tal-frażi *tegħleb lilek innifsek* u għalhekk taw il-plural tal-persuna żbaljata. Dawn li ġejjin huma xi eżempji ta’ tweġibiet żbaljati li ngħataw f’dan it-taħriġ.

(a) Ikteb fil-plural*:* fatt psikoloġiku

| | | |
|---|---|---|
| *fatti psikoloġikamenti,* | *psikoloġiġi;* | *fattijiet* |
| *fattijiet psikoloġiki,* | *psikologistici,* | |
| *fattiet psikoloġistiki,* | *fatti psikoloġi**k**i,* | |

(b) Ikteb aġġettiv minn fantasija

| | | |
|---|---|---|
| *fanatista,* | *fantażma,* | *iffantizzat,* |
| *fantasjuż,* | *fant,* | *fantastikku,* |
| *fantasizzjoni,* | *fantasma,* | *fantaxjentifiku,* |
| *fanatiku,* | *fanatiku,* | *fantasizzata* |
| *fantassisiv,* | *fantassim,* | |

(ċ) Oħroġ nom minn egoistiku

| | | |
|---|---|---|
| *egoistazzjoni,* | *ġeositiku,* | *egoistija,* |
| *egoismu,* | *egoizazzjoni,* | *egoistazzjoni* |
| *egojiżmu,* | *egotiku,* | |
| *egoistikat,* | *egoistikazzjoni,* | |

(d) Sib u ikteb mis-silta partiċipju passiv

*Jiddedikaw* *innifsek*

(e) Liema hu l-verb ewlieni li minnu tnissel il-verb **tkabbar**?

*Kabbar* *mkabbar*

(f) Minn liema nom hu mnissel il-verb napprofittaw?

| | | |
|---|---|---|
| *profittazzjoni,* | *profitizzazzjoni,* | *profittament,* |
| *approfittazzjoni,* | *profeta,* | *approfitta* |
| *ipprofitizza,* | *napprofittazzjoni,* | |

(ġ) Aqleb fit-tielet persuna plural **: tegħleb lilek innifsek.**..

*egħlbu lilhom innfushom*

Għal din id-domanda ħafna studenti ħadu żball għax ikkonġukaw il-verb fil-perfett eż:*għelbu* flok jegħlbu, tant li minn sample ta’ 750 kandidat, 180 kandidat biss ħadu t-tliet marki tagħha.

(g) Ta' liema forma hu l-verb **niġġieldu**?.....

*tas-seba' forma*

(għ) Agħti l-għerq tal-verb **tnessina.**............

*n-s-għ* *nt-s-għ* *t-e-i-a*

(h) Sib u ikteb mis-silta verb kwadrilitteru...

*jrażżnu* *napprezzaw*

(ħ) Ikteb il-frażi “**is-setgħa tagħna**” f'kelma waħda” ...

*setgħana* *setagħna* *setegħtna*

**5. Aspett Simboliku**

F'dan it-taħriġ b'mod ġenerali l-kandidati marru mhux ħażin. Ħafna minnhom fissru tajjeb iż-żewġt iqwiel li kellhom għalkemm it-tieni wieħed deher li sabuh itqal. Xi kandidati sabuha diffiċli biex jispjegaw it-tifsira tal-qwiel b'mod ċar u li jinftiehem. Oħrajn bħal donnhom ma jafux jispjegaw fi ftit kliem it-tifsira tal-qawl kif jidher f'dan l-eżempju ta' kandidat li pprova jispjega l-qawl "**Is-saħħa tkun taf kemm tiswa meta titlifha"**

> *"Eżempji jkun hemm raġel li hu b'saħħtu u ieħor li hu marid u l-marid jgħidlu ibża' għal saħħtek u rrigrazzja lill-Mulej li għandek b'saħħtek u li hu b'saħħtu jgħidlu u mur issa mbilli tkun b'saħħtek u tkun fqir aħjar naħdem u nbati ħa nkun sinjur. Imbaghad ir-raġel b'saħħtu jweġġa' u ma jkunx jista' jiċċaqlaq mis-sodda u jgħid 'Is-saħħa tkun taf kemm tiswa meta titlifha' sewwa kienu jgħiduli."*

Issib xi studenti li lanqas biss jafu x'ikunu qegħdin jiktbu bħal:
*"Tkun taf kemm hi importanti s-saħħa meta tmut"!!!*

Eżempji oħra ta' tweġibiet żbaljati għall-qawl "Aħjar bl-aptit inkella bit-tabib" huma dawn:

- *Meta timrad mur għand it-tabib, toqgħodx tistenna l-ħin jgħaddi.*
- *Dan ifisser li l-irquqija u nixfa żejda ġġib il-mard.*
- *Aħjar ikollok żaqq kbira milli tkun f'qiegħ ta' sodda.*
- *Aħjar tkun nadif milli marid.*
- *Aħjar tkun ftit muġugħ u ċċempel it-tabib.*
- *Aħjar tagħmel dak li m'għandekx aptit milli tmur għand it-tabib.*
- *Aħjar ikollok aptit ta' droga milli teħodha u wara għal għand it-tabib*

Taħriġ 5b, għalkemm b'mod ġenerali l-istudenti marru mhux ħażin fih, madankollu bosta sabuh itqal minn taħriġ 5a. Ħafna kandidati tfixklu l-idjoma ħadli minn moħħi mal-idjoma ħadli moħħi jew qrali moħħi, kif jidher mit-tweġibiet żbaljati t'hawn taħt

- *Marco ħadli minn moħħi biex nixtri dik il-logħba ġdida. Ma ħallinix minuta bi kwieti.*
- *Dan ix-xogħol ħadli minn moħħi x'kelli nagħmel.*
- *Dak il-ħin ħadli minn moħħi, issa għandi bżonn nagħsa tajba.*
- *Daqs kemm ilu jċapċap Ġużi ħadli minn moħħi.*
- *Ilbierah Mario kien jaf x'kont se ngħid qisu ħadli minn moħħi.)*
- *Meta konna fil-klassi u l-għalliem saqsiena dwar l-istorja, Philip ħadli minn moħħi dak li kont ser ngħid.*
- *Dak l-istorbju kollu ħadli minn moħħi.*
- *Daqskemm ilu jgħid u jitkellem fil-vojt ħadli minn moħħi.*
- *Ilu jredden u jgħid ħadli minn moħħi.*
- *"Ħadli minn moħħi jgħid u jgerger il-ħin kollu," gergret Marija.*

Bosta kandidati wkoll ma kinux jafu t-tifsira ta' l-idjoma għaddielu minn moħħu u ħasbu li tfisser 'nesa' kif juru dawn l-eżempji li ġejjin:

- *nesa jmur jara lil Ġużi, għaddielu minn moħħu.*
- *Xandru ma ġiex l-eżami llum, naħseb li għaddielu minn moħħu.*
- *Kompletament iċempel in-nanna wara l-ikel iżda għaddielu minn moħħu u qatt ma ċemplilha.*
- *Waqt li Ċikku kien qiegħed miexi ħalli jixtri, għaddielu minn moħħu x'kellu jixtri*

Xi kandidati oħra ma marrux tajjeb f'din it-taqsima għax, jew qabdu u spjegaw l-idjoma minflok kitbu sentenza biha biex jispjegawha, jew inkella fis-sentenza li kitbu ma ħarġux sew it-tifsira ta' l-idjoma, kif jidher f'dawn l-eżempji:

- *Ġanni staqsik għax għaddielu minn moħħu u kien inkwetat.*
- *Daqs kemm jgħix fil-qamar għaddielu minn moħħu wara dak kollox.*

**Taqsima 3 - Ittra/Tqassir ta' silta**

F'din it-taqsima tista' tgħid li aktar minn 95% għażlu li jagħmlu l-ittra u mhux it-tqassir tas-silta.

**L-Ittra**

Minn ċerti ittri wieħed jieħu impressjoni li xi studenti qatt ma raw gazzetta jew qatt ma taw attenzjoni lill-paġna ta' l-ittri. Dan jidher l-aktar mis-*salutation*, kif ukoll kif l-ittra kienet indirizzata direttament lill-qarrejja*:*

| | |
|---|---|
| *Sur Mr. Borg;* | *Għezież bnedmin;* |
| *Għażiż Editorjal;* | *għeżies ħuti;* |
| *Eeditur/Eeditriċi (sic):* | *għeżież qarrejja.* |

Fost difetti oħra kien hemm:

- *it-tqassim ta' l-indirizzi;*
- *nuqqas tad-data;*
- *bidu antikwat ;*
- *Qed nikteb din l-ittra*;
- *Ċerti kumplimenti fil-bidu jew fl-għeluq, qishom bħal tal-phone-ins ta' ċerti programmi*
- *Jiena l-ewwel wieħed li mmur nixtri l-gazzetta tiegħej*
- *nispera li inti u l-membri tal-Qasam tiegħek tinsabu tajbin*

inkursjonijiet teleradjofoniċi:

- *grazzi ta' l-attenzjoni*
- *grazzi tal-ħin*
- *nixtieqek tiktibli lura*
- *nistenna li nisma' mingħandkom;*
- *grazzi talli qrajt l-ittra*

L-ortografija f'dan l-eżerċizzju kienet batuta ħafna. L-idjoma u s-sintassi kienu tant batuti li f'ċerti każijiet is-sentenza bilkemm tinftiehem. It-taħwid fil-binja tas-sentenza wera nuqqas kbir ta' qari u ta' taħriġ fil-Malti miktub. Il-punteġġjatura, f'ħafna każi lanqas biss tidher, qishom il-marki tal-punteġġjatura qatt ma ssemmew fil-klassijiet.
Sfortunatament deher livell baxx ħafna.

**It-Taqsira**

Il-kummenti kollha li ssemmew hawn fuq, jgħoddu wkoll għat-taqsira. Barra dan ħafna studenti qabżu n-numru ta' kliem mitlub minnhom u saħansitra użaw il-paragrafi. Xi studenti ħallew barra l-punti l-aktar ewlenin tat-test oriġinali. Oħrajn ħarġu mit-test oriġinali u interpretaw it-test mogħti kif riedu huma; waqt li studenti oħrajn reġgħu kitbu test ieħor għal kollox ġdid.

Minn dan jidher ċar li l-istudenti jinħtieġu aktar tagħrif u taħriġ kif issir eżerċizzju bħal dan.

It-taqsim tat-Tieni Karta tal-Malti taċ-ĊES kienet kif tidher fit-tabella t’hawn taħt

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-EWWEL TAQSIMA<br>Referenza għall-Kuntest:<br>Tema: Ir-Rispett fil- Familja | | | |
| Poeżija *(Agħżel waħda)* | | Proża *(Agħżel waħda)* | |
| **1 Demgħat tas-Silġ**<br>*Mario Azzopardi* | **2. Mur Orqod Binti**<br>*Oliver Friggieri* | **3. Ir-Raġel tal-Klieb**<br>*OliverFriggieri* | **4. Missier u Iben**<br>*Francis Ebejer* |
| IT-TIENI TAQSIMA:<br>Il-Komponiment Letterarju | | | |
| Sezzjoni A: *(Agħżel waħda)* | | Sezzjoni B: *(Agħżel waħda)* | |
| 5a Tema:<br>**Il-Protesta** | 5b. Tema: **Tifkiriet** | 6a. Tema: **Karattri** | 6b. Tema:<br>**Ġrajja u Identità** |

**L-EWWEL TAQSIMA: Ir-Referenza għall-Kuntest: Taqsima Poeżija**

*Kummenti Ġenerali*

F’din it-taqsima, iż-żewġ poeżiji li ngħataw bħala referenza għall-kuntest kienu *Demgħat tas-Silġ* ta’ Mario Azzopardi u *Mur Orqod Binti* ta’ Oliver Friggieri.

Bħala medja 58% ta’ l-istudenti wieġbu għall-mistoqsijiet dwar *Demgħat tas-Silġ* filwaqt li 42% wieġbu għall-mistoqsijiet dwar *Mur Orqod Binti.*

B’mod ġenerali bosta studenti wieġbu tajjeb għall-mistoqsijiet li ngħataw għalkemm xi wħud urew li meta jibdew jiktbu ma jafux fejn għandhom jieqfu, u jibqgħu jiktbu n-noti kollha li tgħallmu bl-amment.
Dawk li qagħdu għal Karta 2A ġeneralment kienu ħafna aħjar minn dawk li għażlu Karta 2B. Iżda xorta waħda kien hemm ċerti punti li kienu komuni għat-tnejn. Ngħidu aħna, kien hemm kwantitajiet kbar ta’ studenti li semmew il-kelma **negattiv** jew **pożittiv**:

- *“Ir-relazzjoni tagħhom kienet waħda negattiva.”*
- *“Ma kienx daqshekk pożittiv.”*
- *“Kellu tfulija negattiva.”*

Ħaġa oħra li tolqot hija li ħafna studenti jesprimu ruħhom b’mod tassew żbaljat, qishom ma jafux jitkellmu bil-Malti, jew saħansitra jispjegaw rwieħhom b’vokabularju Ingliż:
*poeżija djalogata,*
*kien għadu kif ġie mwelled,*
*bejn it-tieni u l-aħħar line,*
*timmissjah.*

*Demgħat tas-Silġ* – Mario Azzopardi

a. It-tweġibiet għal *“Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta’ din il-poeżija,”* kienu fil-biċċa l-kbira ta’ livell aċċettabbli. X’uħud kitbu fit-tul wisq, ġieli paġna sħiha biex taw il- ħsieb tal-poeżija. Għalkemm kien hemm studenti li kitbu l-ħsieb tal-poeżija kif imiss, kien hemm numru ta’ studenti li qagħdu joħolqu ipotesijiet għaliex il-poeta ma kienx jaf lil familtu sew. Fost dawn l-ipotesijiet kien hemm *“li ma kienx jgħix fl-istess dar t’ommu u missieru”*, affarijiet li fil-poeżija l-poeta ma jagħmel ebda referenza għalihom. Oħrajn (u dan kien grupp kbir) bdew iqabblu d-demgħa tas-silġ fil-poeżija DEMGĦAT TAS-SILĠ mad-demgħa ta’ Dun Karm f’WAĦDI! Ħafna oħrajn (fiż-żewġ karti) ippruvaw jikkumplikaw il-ħsibijiet tal-poeżiji. L-ideat l-aktar komuni kienu li Friggieri ma kienx qiegħed jitkellem mal-bint iżda mal-kuxjenza tiegħu stess. F’DEMGĦAT TAS-SILĠ kien hemm ħafna li ppruvaw juru li kull membru tal-familja jirrappreżenta xi ħaġa, bħal li l-missier jirrappreżenta l-poter tal-knisja.

b. Għalkemm il-mistoqsija *Għaliex fil-poeżija l-poeta jiddeskrivi d-demgħat li qed ixerred bħala "tas-silġ"?* dehret li kinetx faċli daqs ittra l-ewwel domanda, il-biċċa l-kbira ta' l-istudenti fehmu tajjeb x'irid jifhem il-poeta bil-frażi *"demgħat tas-silġ,".* Xi studenti taw interpretazzjoni kompletament differenti (u żbaljata) ta' xi jfisser is-silġ fil-poeżija. Ngħidu aħna, sudent/a partikolari kiteb/et li l-poeta "juri n-niket tiegħu għal familtu." Student/a ieħor kiteb/et li dawk kienu "*demgħat ta' solitanza*!"

c. Fit-tielet mistoqsija *"X'effett irid joħloq il-poeta bil-vers: Kont naf ir-riħa ta' Lulju tal-mewt f'ħalq missieri",* kienet l-aktar waħda li sabu iebsa. Bosta studenti m'għarfux jiktbu x'effett joħloq il-poeta bil-frażi li ngħatatilhom. Intilfu jiktbu li missieru miet fix-xahar ta' Lulju, li kellu riħa tinten u kummenti simili li juru li fehmu l-frażi litteralment. Xi ideat strambi kienu:
*"Kien hemm nuqqas ta' sanità fid-dar li seta' wassal għal xi rwejjaħ mhux daqshekk pjaċevoli."*
*"Ma kellhomx flus għall-ikel u missieru kellu riħa ta' stonku vojt."*
*"Azzopardi twieled man-nanna."*

d. *Ikteb dwar il-metrika tal-poeżija* L -istudenti wrew li fil-biċċa l-kbira huma batuti għal dan it-tip ta' mistoqsijiet. Fejn tidħol metrika, kien hemm min qabiżha u min qal xi ħaġa fuq fuq. Ftit kitbu li l-poeżija miktuba bil-vers ħieles, kif kellu jkun. Imma numru ta' studenti m'għarfux jagħtu tagħrif xieraq dwar il-mod kif inhi mibnija l-poeżija.

e. F'din mistoqsija*, Għaliex il-poeta jirrepeti l-vers "jien nafhom mill-bogħod" darbtejn fil-poeżija ?*, kien hemm numru ta' studenti li rrepetew il-ħsieb tal-poeżija kif kitbuh fl-ewwel tweġiba (a). Minn dawn it-tweġibiet ma tantx ħareġ il-fatt li kien hemm nuqqas ta' intimità bejn il-membri. Oħrajn fehmu xi jrid jifhem il-poeta bil-frażi *"mill-bogħod'.* Sfortunatament kien hemm numru ta' studenti li ma għarfux jesprimu ruħhom b'Malti tajjeb biex juru li fehmu xi tfisser il-frażi, eżempji: Il-poeta *ma għandux feelings.* Mario Azzopardi jagħmel *użu ta' nostalġija negattiva.*

▪ **Kumment ġenerali:** Problema li tidher hija mifruxa ma' numru konsiderevoli ta' studenti hija l-mod ta' espressjoni. Ċerti studenti jiktbu vokabularju jew frażijiet li probabbilment ikunu semgħu fil-klassi jew tagħmlu bl-amment, imma ma jafux xi jfisser. Bħala eżempju nsemmi student/a li f'mistoqsija (a) kiteb li *"Mario Azzopardi qed jirrakkonta …"* kif ukoll *"fl-ewwel vers insibu epilogu."* Dan, flimkien ma' bosta u bosta eżempji oħra, juri li diversi studenti jsibu problema biex jesprimu rwieħhom.

*Mur Orqod Binti* – Oliver Friggieri

a. Għall-mistoqsija *Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija* l-biċċa l-kbira ta' l-istudenti wieġbu tajjeb. Kien hemm numru żgħir li mhux biss kitbu dwar il-ħsieb tal-poeżija, imma kitbu wkoll dwar il-metrika, il-karattru tat-tifla, eċċ, li kellhom jitwieġbu f'mistoqsijiet ta' wara. B'hekk ġara li t-tweġibiet tal-mistoqsijiet li ġew wara kienu qishom repetizzjonijiet ta' dak li nkiteb f'din l-ewwel waħda. Dan x'aktarx ġej mit-tagħlim bl-amment ta' noti. L-istudenti għandhom jitgħallmu jżommu mal-mistoqsija u ma jiktbux informazzjoni żejda.

b. Fit-tieni mistoqisja *Mill-poeżija, sib tliet eżempji, wieħed ta'* ***alliterazzjoni****, ieħor ta'* ***apokope*** *u ieħor ta'* ***ewfemiżmu.*** l-biċċa l-kbira ta' l-istudenti għarfu jiktbu eżempji tajbin ta' *alliterazzjoni* u ta' *apokope*, waqt li l-*ewfemiżmu* sabuh diffiċli ħafna għaliex jew ħallewh barra jew tawh ħażin.

c. *Ikteb dwar il-metrika ta' din il-poeżija* Fejn tidħol il-metrika tal-poeżija, l-istudenti wrew li huma batuti fl-għarfien tagħha. Kien hemm studenti li kitbu tajjeb, jiġifieri li l-poeżija miktuba bi kwartini, bil-vers endekasillabu, eċċ. Imma kien hemm oħrajn li jġagħluk taħseb li kienu qed jivvintaw biex forsi jolqtu tweġiba tajba! Xi eżempji huma:
*"versi huma mqassmin kwadriliti*ċ*i,"*
kontradizzjonijiet bħal *"ir-rima … abċb u r-rima tagħa* (sic) *wkoll hija mbewsa,"*
*"Mur Orqod Binti miktuba bil-vers ħieles u projettiv."*

d. F'din il-mistoqsija, *Liema kwalitajiet joħorġu fit-tifla permezz tal-kliem li tlissen? Ikkwota biex issaħħaħ dak li tgħid*. tista' tgħid li l-kandidati kollha għarfu jwieġbu tajjeb li t-tifla għandha karattru innoċenti, imma waqfu hemm. Jekk għandhiex xi kwalitajiet oħrajn, ma kitbu xejn.

e. It-tweġiba għal din il-mistoqsija kienet raġonevolment tajba. Bosta studenti wieġbu tajjeb billi semmew ir-rispett li kellha l-bint lejn ħuha, imma mbagħad injoraw ir-rispett tal-missier lejn bintu li ma ridhiex tinħasad bil-mewt ta' ħuha!

▪ **Kumment ġenerali** L-istudenti għandhom ħabta jikkonċentraw dwar parti mill-poeżija (ngħidu aħna li l-bint tixtieq tara lil ħuha) imma jinjoraw partijiet oħra mill-istess poeżija (ngħidu aħna l-isforz li qed jagħmel il-poeta-missier biex ma jweġġax lil bintu). Bosta kandidati semmew ukoll li l-missier f'MUR ORQOD, BINTI ma riedx *"itappan l-innoċenza tat-tifla."*

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Taqsima Proża**
**Tema: Ir-Rispett fil-Familja *Ir-Raġel tal-Klieb, Missier u Iben***

***L-ewwel parti Kummenti Ġenerali***

Hawnhekk ukoll deher biċ-ċar li dawk li qagħdu għal Karta 2A kienu ħafna aħjar minn dawk li għażlu Karta 2B. L-istess ukoll, kien hemm ċerti punti li kienu komuni għat-tnejn.
(a) Din is-sena kienet xi ħaġa ta' l-għaġeb li dehru ħafna u ħafna żbalji fl-ortografija tal-kelma "iva"! Kien hemm minn kull kwalità, bħal *ijja, ija, hija* u saħansitra *i-va*! Instabu wkoll karti bil-verżjoni ta' *leq* minflok *le*.

(b) Uħud m'għandhomx l-iċken idea ta' kif għandhom jibdew iwieġbu. Ma kinitx ħaġa rari li ssib bħala bidu: *"Mela kien hemm [dan ir-raġel]…"*, daqslikieku kienu qegħdin jirrakkuntaw xi storja!

(b) F'Mistoqsija (a) taż-żewġ karti kien hemm ukoll bosta li taw il-ħsieb tas-silta kollha mogħtija fil-ktieb u mhux dik il-parti li tidher fil-karta.

(b) Bħal fi snin oħrajn, għalkemm anqas minn snin oħrajn, kien hemm dawk li kitbu li dawn ix-xogħlijiet ta' proża huma poe-proża (jew poeżija).

(e) Fiż-żewġ karti wkoll ħafna wrew li ma jafux id-differenza bejn il-personifikazzjoni u l-metafora, u hemm min saħansitra lanqas jaf x'jiġifieri "*figura tat-taħdit*". Xi tweġibiet għal din f'Karta B ma jitwemmnux. Kien hemm ukoll minn ħalla t-tweġiba barra.

(f) Partikolarment għall-Karta B, wieħed irid jinnota l-preżentazzjoni orribbli tal-karta - kaligrafija maħmuġa, bilkemm tingħaraf, bla ebda spazju bejn mistoqsija u oħra. Barra minn hekk, bosta studenti lanqas biss għandhom idea ta' l-istorja u vvintaw kemm felħu jew ħallew tweġibiet sħaħ barra. Tweġibiet bla ebda sens ta' xejn, u ortografija tal-biża' li sejra lura sew minn sena għal oħra.

Xi kwotazzjonijiet:
*"Il-kittieba Francis Ebejer trid toħloq…"*
*"Il-ġisem kien diġà beda jikkomponi…"*
*"Il-klieb ħadulu ġidu, sakkarhom ġo kamra u mar jorqod. Il-klieb bdew iħabbtu, kissru l-bieb u kiluh."*
*"Issa huma t-tnejn qagħdu jistennew li jkollhom xi tifel jew tifla imma t-tabib kien qalilhom li għandhom tewmin."*

***It-Tieni parti Il-Kontenut***
MISTOQSIJA NRU. 3 - *IR-RAĠEL TAL-KLIEB*
Fi tweġiba (a), diversi studenti baqgħu jiktbu fil-qosor dak li ġara sa tmiem in-novella, li fil-fatt hija mistoqsija (b). Ma fehmux li meta l-mistoqsija tablet "il-ħsieb ta' din is-silta" kien ifisser is-silta li hemm fil-karta ta' l-eżami.
Xi studenti għandhom fantasija kbira, u jiktbu affarijiet li bl-ebda mod ma ssibhom fin-novella! *"Il-mara telqet mid-dar, ir-raġel intefa' f'rokna u ħalla l-klieb jieklu lilu."* Oħrajn esprimew l-idea żbaljata ta' ħafna li l-mara telqet mid-dar! Sibna numru ta' studenti li jużaw vokabularju Ingliż biex ifissru ruħhom. *"In-<u>neighbour</u> tiegħu għamlet <u>complaint</u>, dik in-naqra ta' <u>guilt</u> ħassha."* Studenti ma jafux ifissru ruħhom tajjeb bil-Malti. *"Ir-raġel iħobb ikun preservat* (riservat).*"*

MISTOQSIJA NRU. 4 - *MISSIER U IBEN*
Studenti dehru li fehmux il-ġrajja tas-silta. Żidu li għoġbhom u li qaltilhom l-fantasija tiegħhom. (Mark Antonin) *"jgħidlu biex jatti* (jagħti) *l-liberta lil dik il-familja li żamm maqfula."* Hawn ukoll jidher li l-użu ta' l-Ingliż huwa tant mifrux ma' l-istudenti li jagħmlu traduzzjoni litterali mill-Ingliż għall-Malti, li naturalment hija żbaljata. *"Mark Antonin jgħid xejn* (says nothing) *lil missieru."*

**IT-TIENI TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI**
**Mistoqsija 5a: Il-Protesta u Mistoqsija 5b: Tifkiriet**

**L-EWWEL PARTI: KUMMENTI ĠENERALI**

1. *Stil:* L-akbar difett kien li l-kandidati ma qrawx il-mistoqsija sew, allura ma kinux jafu **eżatt** x'inhuma jintalbu. Malli jaraw l-isem tat-tema, mill-ewwel jibdew jiktbu komponiment ġenerali dwar it-tema. L-għan tal-komponiment letterarju hu li l-kandidat juri li **jagħraf ikun analitiku fil-preżentazzjoni tiegħu**. L-eżaminatur ma jridx li l-kandidat jagħti taqsira tax-xogħlijiet letterarji li studja. Filwaqt li xi kandidati rnexxielhom jiddiskutu l-mistoqsijiet mogħtija kif jixraq, kien hemm oħrajn, u dawn kienu bosta, li aktar milli analizzaw ix-xogħlijiet letterarji magħżula, taw taqsira tal-punti mingħajr ma qiesu jekk dawn humiex qed jiddiskutu l-mistoqsija mogħtija jew le. Uħud saħansitra ppruvaw iniżżlu kull xogħol letterarju li studjaw biex spiċċaw taw lista ta' punti mistħarrġa fuq fuq (ħaġa li aktar tfakkrek f'litanija milli f'analiżi!). Kandidati oħrajn dehru li għandhom ħakma soda tax-xogħlijiet letterarji u kienu kapaċi jidħlu ħafna fil-fond. Imma fl-istess ħin m'għarfux jagħżlu bejn x'għandhom jinkludu fil-komponiment u x'għandhom jiskartaw. Il-ħila tal-kandidat toħroġ mhux f'kemm jaf punti imma f'kemm hu kapaċi jagħżel bejn punt u ieħor.

2. *Proża/Poeżija u l-kittieb:* Uħud mill-kandidati lanqas għandhom idea dwar x'inhi <u>d-differenza</u> bejn "poeżija" u "proża". Ripetutament iħalltu *poeżija* ma' *proża* u *poeta* ma' *prożatur*. Barra minn hekk, kien hemm uħud li meta rreferew għall-kittieb, semmewh b'ismu biss daqslikieku ilhom jafuh sa minn dejjem. Fl-istess ħin, kien hemm drabi oħrajn fejn il-kittieb tax-xogħol letterarju diskuss lanqas biss jissemma jew inkella kittieb ta' silta jitħallat ma' ieħor. Ċerti kandidati saħansitra ħolqu l-kittieba tagħhom fosthom *Dun Ġorġ, Joe Farrugia, Ġużè Ellul Ebejer, G. E. Mifsud* u oħrajn.

3. *Titlu:* Xi drabi l-kandidati wrew ukoll li lanqas għandhom idea ċara tat-titlu tal-poeżija jew tas-silta proża. Filwaqt li l-maġġoranza tal-kandidati dehru li jafuhom sew, oħrajn ippruvaw jaqtgħuhom bl-addoċċ. Xi drabi kien hemm ukoll min qed jiddiskuti poeżija jew silta mingħajr lanqas biss ma jsemmi t-tiltu tax-xogħol mistħarreġ. Kien hemm ukoll minn ħallat awtur ma' ieħor (ara wkoll punt 2) u spiċċaw biex attribwew xogħol letterarju lil xi ħadd li m'huwiex l-awtur proprju. Kien hemm min saħansitra wkoll ivvinta titli li ma jeżistux fis-sillabu eż. "*L-aħħar rokna", "Mill-Aħħar Qtar", "Il-Ħajt tas-Sejjieħ", "Utopja", "L-Għanja tal-Poplu", "Il-Wied ta' San Niklaw"* u l-bqija. Kien hemm kandidati li ħalltu silta letterarja jew poeżija ma' oħra fl-analiżi tagħhom. Dan ifisser li filwaqt li kien mingħalihom qed jiddiskutu silta partikulari, fil-fatt kienu qed jitkellmu fuq silta oħra b'titlu differenti.

4. *Preżentazzjoni:* Filwaqt li kien hemm kandidati li l-isem tax-xogħol letterarju ddistingwewh mill-kumplament tal-kitba billi poġġewh f'virgoletti jew inkella ġibdu linja taħtu, kien hemm oħrajn li dan m'għamluhx. Jixraq li t-titlu tax-xogħol letterarju diskuss jingħaraf mill-kumplament tal-kitba billi jew jitqiegħed f'virgoletti jew inkella tinġibed linja taħtu.

5. *Kwotazzjonijiet:* Dwar il-kwotazzjonijiet diretti, kien hemm kandidati li meta għażlu li jikkwotaw direttament, ma kkwotawx eżatt. Xi kwotazzjonijiet żbaljati:

*i.* *"Isib konsolazzjoni f'Alla fejn huwa l-uniku bniedem li jista' jrażżan din il-qirda."*
*ii.* *"Qasba tkun persuna verament kwieta kif ukoll imdejjaq fi kliem ieħor tkun armla."*
*iii.* *"Hemm din il-poeżija fejn żewġ nagħġiet kienu jmorru jinnamraw hemmhekk…"*

Barra minn hekk, xi kandidati lanqas biss qiegħdu l-kwotazzjoni diretta mniżżla f'virgoletti (ara punt 4). L-aktar punt gravi kien meta xi kandidati saħansitra kkwotaw versi jew linji li ma jeżistux fix-xogħol letterarju msemmi eż. "*kaxxa ma kaxxa l-aħħar qed jiġi kollox kaxxa kbira"* (suppost f'"Ħitan tas-Sejjieħ" ta' Marjanu Vella) jew *"kulħadd qam ikanta l-innu malti"* (suppost f'"Jum ir-Rebħ" ta' Ružar Briffa). Jidher ċar ukoll li xi kandidati tgħallmu sensiela ta' kwotazzjonijiet bl-amment u għamlu minn kollox sabiex ideffsuhom fil-komponiment letterarju tagħhom mingħajr ma qiesu jekk huwiex posthom jew le. Milli jidher bosta kandidati ma jafux ħlief (billi dawn dehru f'ħafna mill-komponimenti)

*i.* *"li jridu huma jsir mhux li rrid jiena" minn TRADIMENT,*
*ii.* *"sar il-miraklu tal-konkrit" minn ĦITAN TAS-SEJJIEĦ u*
*iii.* "*zokk oħxon ġo misraħ iqattar id-demm*" minn IŻ-ŻABRA;

6. *Sottotili:* Punt interessanti kien li kien hemm xi kandidati li matul il-komponiment letterarju inkludew sottotitli. Is-sottotili jgħinu sabiex b'xi mod jindikaw lill-kandidat u lill-eżaminatur il-punt ewlieni li qed jiġi diskuss f'dak il-paragrafu. L-iżball li sar kien li xi kandidati użaw l-isem tax-xogħol letterarju bħala sottotitlu għall-paragrafu. L-għan tal-komponiment letterarju m'huwiex li ssir analiżi tax-xogħol letterarju bħala skop fih innifsu imma li dan jittieħed bħala parti minn analiżi aktar sħiħa u kompleta.

7. *Tul:* Filwaqt li xi kandidati żammew ma' l-ammont ta' kliem mitlub (400 kelma), b'differenza ta' 10% aktar jew anqas, kien hemm oħrajn li tawlu ż-żejjed bil-konsegwenza li l-parti ż-żejda nqatgħet u ma tqisitx mill-eżaminatur. Dawn il-kandidati ġew ippenalizzati billi tilfu l-marki. Min-naħa l-oħra, kien hemm kandidati li kitbu wisq fil-qosor u allura l-komponiment tagħhom ma kienx żviluppat kif jixraq. Dawn il-kandidati, ġew ippenalizzati awtomatikament minħabba n-nuqqas ta' żvilupp meħtieġ. Ċerti kandidati qagħdu jintilfu f'tentufiet żejda li kulma servew kien biss biex iduru mal-lewża.

8. *L-influwenza ta' l-Ingliż:* F'uħud mill-kandidati nħasset ħafna l-influwenza ta' l-Ingliż, fuq livell lessikali (eż. "misċivuż"), morfoloġiku (eż. "innu Maltija") u sintattiku. Dan jidher li għal dawn il-kandidati, il-Malti żgur m'huwiex l-ewwel lingwa tagħhom. Kważi kważi lanqas ma jista' jitqies bħala t-tieni lingwa tagħhom. Ninnutaw ukoll l-inklużjoni ta' kliem Ingliż għalxejn b'xejn eż. *"futbol game"* u *"phrase"* fost l-oħrajn.

9. *Noti ta' l-għalliema:* Reġa' deher biċ-ċar li l-parti l-kbira ta' l-istudenti qegħdin jingħataw (jew jaqraw) xogħlijiet ġenerali lesti dwar it-temi biex jitgħallmuhom bl-amment, imbagħad, joħroġ x'joħroġ fil-mistoqsija, jippruvaw jirriproduċu dak l-esej! Ir-riżultat hu diżastruż! Ħafna komponimenti tista' tgħid li huma kopja ta' xulxin.

i. Hekk, ngħidu aħna, kien hemm grupp sostanzjali li qal li Ellul Mercer hu "*meqjus bħala d-Dickens ta' Malta*" u li "*qara lil Verga u lil Dante*". Mercer jgħid "*kemm hu ħelu lsien in-nies biex ifisser il-kuntrarju*". Din ta' l-"*ilsien ħelu*" għoġbithom wisq għax ħafna drabi din biss semmew mix-xogħol kollu tiegħu!

ii. Fi TRADIMENT insibu "*immaġini makabri*" u "*donnu kulħadd mitluf f'nawsja*".

iii. F'IŻ-ŻABRA naqraw li "*s-siġra hi punt ta' riferiment għar-raħal*", li hi "*ta' natura paċifista*" u li *"l-għasafar spiċċaw refuġjati*". Tliet kummenti oħra komuni kienu "*in-natura m'għandhiex vuċi*", "*tinħass ir-rabja tal-poeta, b'xi mod rassenjata"* u "*Victor Fenech jipprotesta kontra min hu sieket u ma jitkellimx*".

iv. F'RIBELLI l-espressjoni li l-protagonisti kienu "*jikkonvivu ma' xulxin*" kienet l-aktar komuni, kif ukoll l-osservazzjoni dwar l-oriġinalità fl-ismijiet ta' Jumi u Petriga meta mqabblin ma' dawk ta' Sidor u Benna.

v. F'IR-RABA' TA' SAMWEL kien hemm "*il-Laqxi jikkultiva l-art bħalma jikkultiva għawar kulħadd*".

vi. Il-gaffa kienet "*arroganti*" f'SAN NIKLAW u "l-*karozza privata tenfasizza l-individwalità*" f'IL-VAPUR TA' L-ART. Meta taqra għadd sostanzjali tista' tikteb l-esej int bla problemi ta' xejn!

10. *L-introduzzjoni u l-konklużjoni:* Xi drabi l-introduzzjoni u l-konklużjoni mogħtija m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-analiżi letterarja li saret tul il-komponiment imma jkunu jinstemgħu daqslikieku kienu xi ħaġa separata mill-kumplament tal-komponiment. Introduzzjoni (min għamilha), komuni fit-tema I<u>l-Protesta,</u> kienet: "*Meta ma taqbilx ma' xi ħaġa huwa tajjeb li ssemma' leħnek basta ma toħnoqx il-libertà ta' ħaddieħor*". U bħala konklużjoni kienu ħafna il-kandidati li taw: "*Biex inti tipprotesta kontra xi ħaġa m'hemmx bżonn tinżel fit-toroq: tista' tagħmel dan permezz tal-kitba*", (għalkemm kien hemm ukoll xi wħud li niżżluha bħala introduzzjoni).

Jidher li ħafna kandidati studjaw komponimenti letterarji sħaħ li jkunu tawhom l-għalliema fil-klassi. Dan jixhdu l-fatt li ċerti kandidati jkollhom kważi l-istess stil ta' komponiment (format u kontenut inklużi). Din li ġejja hija kważi l-istess introduzzjoni kif dehret f'żewġ komponimenti lettararji (Tema: *Il-Protesta*) ta' żewġ kandidati:

| Kandidat A | Kandidat B |
|---|---|
| *Kittieb/poeta hu bniedem mill-iżjed sensittiv ma jħoss għalihinnifsu izda għal pajjiżu wkoll. Hu jżomm għajnejh miftuħa, fost l-affarijiet għal qerda ta' l-ambjent u għan-nuqqasijiet soċjali tiegħu. Meta l-affarijiet ma jkunux sejrin kif suppost hu juża l-pinna biex isemma' l-protesta tiegħu u jagħtina stampa ċara ta' dak li jkun qed jiġri madwarna.* | *Il-Kittieb/poeta huwa bniedem mill-ijed Sensittiv. Ma jħossx għalih innifsu ida għall-pajjiu wkoll. Huwa jżomm għajnejh miftuha fost affarijiet oħra, għall-qerda ta' l-ambjent u għan-nuqqasijiet soċjali. Meta l-affarijiet ma jkunux sjrin kif suppost iħoss li ma jistax jibqa rieqed u għalhekk juża l-pinna beix isemma l-protesta tiegħu u jagħti stampa ċara ta' dak kollu li jkun qed jiġri.* |

Saħansitra l-komponimenti ta' dawn il-kandidati jkunu jinkludu kliem u espressjonijiet li ma tantx huma tipiċi ta' studenti ta' bejn wieħed u ieħor sittax-il sena! Fost l-eżempji nsibu *"intertestwalità tal-passjoni ta' Kristu", "xena idillika", "atmosfera mistika", "esperjenza mistika", "realtà kontemporanja", "miġja esterna", "xena krepuskolari", "lingwaġġ impekkabbli",*

*"dehra akustika", "tmiem konklussiv".* Minn bosta eżempji bħal dawn jidher li lill-istudenti qed ngħallmuhom kif jitgħallmu bl-amment komponimenti sħaħ li ngħaddulhom, u m'aħniex qed ngħallmuhom ikunu kritiċi u jaħsbu b'moħħhom!

11. *Komponiment tal-lingwa flok komponiment letterarju*: Kien hemm xi kandidati li flok għamlu komponiment letterarju, għamlu komponiment tal-lingwa. Jista' jkun allura li dawn il-kandidati qatt m'għamlu komponiment letterarju fil-klassi! Fiż-żewġ karti kien hemm dawk li ttrattaw l-esej superfiċjalment wisq, kemm isemmu x-xogħlijiet kollha tat-tema b'sentenza jew tnejn biss fuq kull wieħed, u kien hemm oħrajn li daħlu f'dettall żejjed li m'għandu x'jaqsam xejn mal-punt ewlieni. Kien hemm ideat vagi għal aħħar. Uħud ma kellhomx idea dwar x'kellhom jiktbu u vvintaw kemm felħu.

12. *Żbalji ta' l-ortografija, grammatika eċċ:* M'hemmx dubju li l-iżbalji ortografiċi, sintattiċi u loġiċi kienu kbar u ta' min wieħed jirrifletti tassew fuqhom.

i. Ħafna bdew iħallu l-artiklu barra: "*poeti jaħsbu*", "*namrati ħadulhom posthom*", fost oħrajn, li jidhru li huma maqlubin direttament mill-Ingliż.

ii. Il-punteġġjatura qisha saret ħaġa ta' l-antik. Naqas ħafna l-użu ta' ittra kapitali fil-bidu ta' l-ismijiet ta' nies u ta' postijiet.

iii. L-espressjoni kienet batuta (ta' xi wħud tal-biża'); ċerti espressjonijiet li milli jidher saru parti mill-vokabularju ta' l-istudenti, bħal *fejn* (li qegħdin idaħħluha kullimkien u f'kollox), u "*li ilu fis-seħħ*" minflok "*li ilu jiġri ħafna*";

iv. L-użu kif ġie ġie ta' l-awżiljarju flimkien mal-parti̇ċipju passiv minflok il-forom tal-verb; eż: *ġiet imqaċċta*, *ġiet meqruda*, *jiġu mwarrba*, eċċ.

v. Niltaqgħu wkoll ma' kliem ġdid fil-Malti, ivvintat mill-kandidati, eż. *"fasinazzjoni", "pettegolezzi", "attijiet"* u *"prożijiet*".

13. *Kummenti personali tal-kandidati:* Ċerti studenti jħobbu jinkludu kummenti personali. Dan ma jixraqx f'komponiment letterarju fejn l-għan ewlieni hu li tanalizza x-xogħlijiet letterarji fid-dawl tal-mistoqsija u mhux li toqgħod tgħid x'kont tagħmel int kieku kont f'dik is-sitwazzjoni.

14. F'Karta B partikolarment, kien hemm numru kbir li lanqas biss ippruvaw iwieġbu l-mistoqsijiet u ħallewhom barra.

**IT-TIENI PARTI: IL-KONTENUT**

F'Karta A, il-mistoqsija 5a Tema: Il-Protesta, talbet kummenti dwar il-kritika tal-kittieba għad-difetti fil-poplu Malti, filwaqt li f'Karta B, il-mistoqsija talbet kummenti dwar il-protesta ambjentali. Imma meta wieħed jaqra t-tweġibiet, ftit li xejn issib differenza bejn il-materjal mogħti bħala tweġiba għal waħda u għall-oħra. Jidher li l-kandidati jaqbdu l-poeżiji kollha li jkun hemm f'din it-tema u jiktbu dak li jiftakru, x'tgħid dik il-poeżija jew silta, bla ma jagħtu kas tal-mistoqsija!

B'hekk xi kandidati ħarġu barra mis-suġġett billi bdew jiddiskutu xogħlijiet letterarji mingħajr ma taw kas jekk il-punti li qegħdin isemmu humiex relevanti għall-mistoqsija magħżula jew le. Ngħidu aħna, kien hemm ħafna kandidati li għażlu li jitkellmu dwar "Jum ir-Rebħ" ta' Rużar Briffa fit-tema "Il-Protesta". Filwaqt li hemm parti minnha li tidħol fl-analiżi tal-mistoqsija, i.e. *li l-poeta qed jikkritika l-passività u l-indifferenza tal-poplu Malti fi żmien ħakmiet barranin*, il-parti li fiha l-poeta qed jirrakkonta l-ġrajja storika meta l-Maltin qamu u kantaw l-Innu Malti waqt logħba futbol bejn it-tim Malti u dak Jugożlav, hi barra mis-suġġett. L-istess ġara meta wħud mill-kandidati għażlu li jitkellmu dwar "Malta Ġenna ta' l-Art" ta' Ġużè Ellul Mercer fit-tema "Il-Protesta". Dawn żbaljaw minħabba li ma fissrux x'ried ifisser eżattament l-awtur, jiġifieri li l-Maltin huma qarrieqa u makakka, ilsienhom ħażin, moħħhom magħluq u l-bqija.
Jidher li ħafna mill-kandidati li għażlu l-mistoqsija tat-tema "Il-Protesta" ma tawx kas li fil-mistoqsija, ma ntalbux li jiddiskutu l-kritika kontra l-qerda ambjentali BISS imma li janalizzaw kull forma ta' kritika - ambjentali, soċjali, politika u l-bqija.

Ħafna mill-kandidati vvintaw tagħrif kemm felħu, kif jidher mill-eżempji t'hawn taħt.

1. dwar il-poeżija "San Niklaw" ta' Joe Friggieri - kien hemm min qal li San Niklaw hu raħal flok wied u "*li n-nies ta' dak ir-raħal veru kien jieħdu ġost biha"* i.e. bil-kappella u li meta nbniet il-villa bil-pixxina *"il-nies ma ħadux pjaċir"*. Kien hemm min qal ukoll li *"qalb il-kampanja hemm knisja ddedikata lil San Niklaw. Wara ħafna żmien il-knisja waqgħet ...".* Skond kandidat ieħor, *"iż-żewġ namrati jinnamraw taħt siġra u jħossu l-bard."* F'San Niklaw "kien hemm bank b'żewġ namrati". Kien hemm ukoll *"bidwi ... għaddej bil-merħla tal-mogħoż jew nagħaġ tiegħu b'xi kelb jiġri minn quddiem ..."* u li *"kont tara l-bdiwa għaddejjin bil-karrettun mgħobbi b'tabbija ħaxix kollu lest biex jiġi mibjugħ".* Saħansitra kien hemm min qal li *"fil-wied kont tara wkoll gieli xi żewġ namratti żgħar żgħar għadejjin'id f'id*. Kienu jintefaw taħt xi ħarruba". Kandidat ieħor sostna li *"fil-wied niżlu ħafna gaffef kbar" u li l-villa li nbniet kienet*

*"ta' wieħed mill-ministri! Żgur mhux ħa tkun ta' xi bidwi dan għax xi ras kbira dejjem tinqeda mill-koxxa!".* Kandidat ieħor qal li fil-*"knisja ta' San Niklaw ... il-mogħoż kienu jiġu jirgħaw u żewġ namrati kienu jinnamraw hemm".*

2. dwar "Malta Ġenna ta' l-Art" ta' Ġużè Ellul Mercer - kien hemm min qal li l-awtur qed jipprotesta għax f'Malta *"jkabbru dar u villel kbar".*

3. dwar "Iż-Żabra" ta' Victor Fenech - kien hemm min qal li *"... l-pirati ġew min fuq il-baħar u sabu mara, u l-poeta jgħidilna li 'qatawha min rasa sa saqajha'".* Dwar l-istess poeżija kien hemm xi ħadd qal li din il-poeżija *"tfakkarna fil-ġrajja ta' Għar Dalam meta il-mara ġiet salvata minn taħt l-idejn il-pirati mbilli staħbiet ġo għar u malli l-furbani waslu fejn l-għar u raw li kien hemm l-għanqbut qalgħu li ma jistax ikun li t-tfajla daħlet hemm u bqagħew mexjin. Il-poeta wkoll jipprotesta fuq il-furbani li kienu jigu u jisirqulna in-nisa Maltin".* Kien hemm min sostna li ġew *"il-ġardinara"* jagħmlu ż-żabra fuq is-siġra. Kandidat ieħor saħaq li "ġew il-pirati, qatawha u ħaduwha magħhom (is-siġra!)". Interessanti dak li qal kandidat ieħor li *"... mingħajr iż-żabra l-ambjent kien spiċċa għax l-għasafar ma kellhomx iktar fejn jistkennu" (???).* Interessanti dan li ġej meħud minn kandidat ieħor: *"Fil-poe-proża "ż-żabra"* Victor Fenech qed jitkellem fuq il-mara fertili. Il-mara fertilli qed twelled ferħ u tranquilità. Iżda din il-mara fertilli qed tiġi disturbata mill-pirati. Il-pirata huwa jien fiċ-ċirkustanza li jien pirata. Kwotazzjonijiet li juru l-paċi tal-mara fertili huma *"ferħ", "ilwien", "dija", "fantasija". Aħna rridu inġibu rispett u ferħ lejn din il-mara fertilli li qed tiprova tiprovdilna il-ferħ u s-serenità".* Ninnutaw li dan il-kandidat qed jinsa t-tixbiha li ħoloq il-poeta bejn is-siġra u l-mara fertili tant li s-siġra saret il-mara fertili! Kandidat sostna li s-siġra kienet tħares lill-għasafar "*mill-qilla tax-xemx li żgur fil-ġranet tas-sajf kienet tinħass sewwa."*

4. dwar "Jum ir-Rebħ" ta' Ružar Briffa - kandidat qal li l-Maltin ipprotestaw *"għax ma ħallewhomx ikantaw l-Innu Malti".* Kandidat ieħor qal li fis-silta "Jum ir-Rebħ" ta' Ružar Briffa *"mara Maltija qamet tgħid "Jien Maltija".*

5. dwar "Ir-Raba' ta' Samwel" ta' Frans Sammut - kandidat qal li Samwel ried ibigħ l-għelieqi li wiret sabiex jinbnew. Kandidat ieħor qal li Samwel, flok *"ir-raba' sabiħa li tkattar il-frott bnew bini għoli li jkerrah l-ambjenti.... Imbagħad ġiet il-gaffa, imbagħad ġie l-krejn."* Kandidat ieħor qal li Beneditt "kien jiffrekwenta l-każin biex ikun jaf fuq dik u fuq l-oħra".

dwar "Ribelli" ta' J.J. Camilleri - kandidat qal li Petriga saret "*il-poġġuta tar-raħal"* u *"l-ġenituri ta' Petriga kienu iktar jippreferu kieku qabdithom il-pesta milli Petriga ħarġet tqila".* Kandidat ieħor qalilna li *"F'dak iż-żmien jekk mara tidħol tard bil-lejl l-għada filgħodu kienu jibdew jgħajruk u jgħidulek li inti mara tat-triq."*

F'mistoqsija 5b Tema: Tifkiriet, ta' Karta A il-kandidati ntalbu jiktbu dwar *in-nostalġija fl-imgħoddi personali* ta' l-awturi. Jidher li ħafna donnhom ma jafux xi tfisser nostalġija. Agħar minn hekk, f'Karta B ntalbu jiktbu dwar *it-tifkiriet tat-tfulija* u ħafna bilfors riedu jiktbu dwar NIFTAKAR ta' A. Buttigieg, jew L-EWWEL DARBA LI LTQAJT MAGĦHA ta' T. Żahra!

Hawn ukoll sibna ħafna mill-kandidati vvintaw tagħrif kemm felħu, kif jidher mill-eżempji t'hawn taħt.

1. dwar il-poeżija "Niftakar" ta' Anton Buttigieg - kien hemm min qal li l-poeżija hi fuq il-poeta *"meta kien ċkejken"* u li *"... f'din il-poeżija jgħidilna (il-poeta) li meta kien ċkejken ommu kollox kienet tagħmel għalih u issa jrid jfendi għall-rasu. Jekk meta kien żgħir kien jweġġa, kien jkun hemm ommu li tnaddaflu l-ferita ...".*

2. dwar "Il-Vapur ta' l-Art" ta' Kilin - kandidat qal li Kilin *"kien jirkeb regoralment it-tramm ma' nanntu"* u li *"la jikber hu jsir xufier tat-tramm".*

3. dwar "L-Għajn fil-Misraħ" ta' Joe Friggieri - kandidat qal li l-poeżija *"tiddeskrivilna raħal tipiku antik Malti"* fejn *"in-nies jinġabru u jgħaddu xi kelma l-hawn u l-hemm".* Kandidat ieħor sostna li l-poeta *"qed jiftakar meta t-tfal wara l-iskola kienu jmorru jilgħabu u jtajru l-ilma lil xulxin u meta l-għasafar kienu jduru kollha mal-funtana".* Kien hemm kandidat li qal li *"l-ilma tawh lin-nies għal ħawt u l-għajn kisruha".*

4. dwar "Ma' l-Ewwel Qtar" ta' Raymond Mahoney - kandidat sostna li l-poeta jiftakar *"f'meta kienet tagħmel l-ewwel xita tas-sena u l-poeta ma tantx kien jieħu gost għax ma kienx jista' joħroġ iżda issa qed jinduna kemm dan kien żmien sabiħ".*

5. dwar "Tifkiriet ta' Tfuliti" ta' Karmenu Vassallo - kandidat qal li l-poeta qed jiftakar fil-preċett. *"Il-poeta kien jieħu gost f'dawn l-avvenimenti (nimmaġina fil-preċetti!) iżda ġieli kien ukoll jiddejjaq minħabba li kien marradi.".* Kandidat ieħor qal li l-poeta u familtu kellhom "*biċċa art ... x'imkien lejn Wied il-Għajn".* Kandidat ieħor qal li omm il-poeta "*kienet toqgħod tfissidhom u ta' kemm qed iħossu waħdu u jixtieq lil Alla jieħdu biex b'hekk ikun qrib lejn ommu u jkun kuntent".*

6. Waqt il-komponiment ċerti kandidati inkludew siltiet meħuda minn temi oħrajn fosthom “Demgħat tas-Silġ” ta’ Mario Azzopardi u “Waħdi” ta’ Rużar Briffa.

7. Dwar il-komponiment kien hemm min tkellem dwar tifkiriet negattivi. Il-kelma *"nostalġija"* tindika x-xewqa ta' dak li jkun li jerġa' jgħix esperjenza pożittiva. Kien hemm kandidat li saħansitra kiteb li Anton Buttigieg fil-poeżija “Niftakar” *kellu nostalġija għall-mewt ta' martu!*

***Kumenti Ġenerali***
Fil-komponiment letterarju ħafna studenti jużaw is-sottotitoli.

| | | |
|---|---|---|
| 1. Daħla –<br>2. Karattri pożittivi –<br>3. karattri negattivi –<br>4. għeluq (mistoqsija 6A) | 1. (Introduzzjoni) –<br>2. karattri twajba –<br>3. karattri mhux twajba –<br>4. (konklużjoni) (mistoqsija 6A). | 1. Daħla – Żmien l-Assedju l-Kbir (1965) (sic!) –<br>2. Żmien il-Franċiżi –<br>3. Żmien it-tieni gwerra dinjija –<br>4. Żmien Monroi (Mistoqsija 6B). |

L-użu ta' vokabularju Ingliż huwa mifrux prattikament fost l-istudenti kollha. *"Knisja hi destrojat biex hemm spejs għal dar, il-poeta kellu biża' ta' adulthood, id-djar … qishom fotokopijs poġġuti ħdejn xulxin, jippreżentalna lill-Maltin bħala karattri flat white, l-avukat ipprova jiċċitja"* u ħafna u ħafna oħrajn.

Minbarra dan, ma nistax ma nikkummentax dwar xi studenti (ftit) li jużaw kliem baxx u kultant anki pastaż biex ifissru ruħhom. *"L-avukat ried iwaqqa' lit-tabib għan-n. . . , u meta niġu biex neddefendu l-ambjent ħadd m'għandu b. . . . "* (Din l-aħħar kelma ripetuta darbtejn fl-istess komponiment, u d-darbtejn miktuba ħażin!)

***Karta 2A***
**Mistoqsijiet 6a Tema: Karattri**

**F'Karta A**, il-mistoqsijiet kienu eħfef minn Karta B fis-sens li kienu aktar ġenerali u kien hemm għażla akbar ta' xogħlijiet għal tweġiba, u għalhekk suppost ftit li xejn kien hemm fiex titfixkel. Iżda xorta bosta rnexxielhom jiżgarraw. Minflok ma għażlu numru żgħir ta' karattri simpatiċi u m'humiex, spiċċaw jgħidu biss x'għamlu **minflok** għaliex jiġbduk u jimbuttawk. Irriduċew it-tweġiba għal rakkont tas-silta li għandhom fil-ktieb, u hawnhekk ukoll ġieli ma kinux preċiżi wisq. Uħud kitbu dwar il-karattri 'tajbin' biss.

- Ħafna studenti meta jikkwotaw xi versi ta' xi poeżija jiktbuhom kollha f'vers wieħed. Hekk, per eżempju :*"Mananni tgħanni u ċċekċek iċ-ċombini tal-bizzilla."*
- Numru ta' studenti l-ewwel jiktbu l-ħsieb tal-poeżija jew silta ta' proża u wara jniżżlu l-kwotazzjonijiet kollha li jkunu studjaw, mingħajr ebda rabta ma'dak li jkunu kitbu!
- Tiskanta kif ħafna studenti jirnerxxilhom jibdlu wkoll l-ismijiet tal-poeti jew tal-prożaturi. Hekk, per eżempju, kien hemm min kiteb li *Il-Ġlieda* kitibha *Whistin; Manan*ni kitibha *Gorg l-Għawdxi*!
- Xi kwotazzjonijiet ta' listudenti
  *"Samwel għoġbuh il-ħajkus.."*
  *"Cikka u Gerit ma tantx kienu jitħammlu.."*
  *"Manannі hi mara semplici li toqgħod fil-bugonvilla tagħmel il-bizzilla.."*
  *"It-tabib Grima kien jiġi bżonnjuż minn nies.."*
  *"Fredu ddejqu s-'suttana' u meta ġie t-tabib biex ibierek, tela' fuq il-bejt."*
  *"L-avukat kien juza l-gdieb u jkabbar l-argumenti tiegħu."*
  *"iz-zewg karattri jiġbdu lilhom infushom lejn xulxin".*

**Mistoqsijiet 6b Tema: Ġrajja u Identità**

Il-mistoqsija *"Awturi Maltin tnebbħu minn żminijiet u episodji differenti ta' l-istorja ta' Malta. Ikkummenta dwar dan skond dak li studjajt fit-tema* ***Ġrajja u Identità****."* kienet waħda diretta. Għadd ta' studenti mxew pass pass ma' l-istorja ta' Malta u rreferew għal episodji differenti biex isaħħu l-argumenti tagħhom.

Sfortunatament, ħafna studenti oħra lanqas biss għandhom l-iċken idea dwar l-Istorja ta' Malta.

- Xi ftit kwotazzjonijiet żbaljati li dehru fit-tweġibiet ta'l-studenti:
  - *"Kellna r-Re Alfons Monroj u l-liġi kiefra tal-Magna Carta.."*
  - *"Don Kon Salvo, li kien ġie missellef lil Malta għal 30,000 fjorin.."*

- *"Ħagar Qim l-ixjeħ tempju fid-dinja,"*
- *"Il-Franċiżi gew biex jiehdu post l-Inglizi…"*
- *"L-Assedju l-Kbir, ha hafna snin biex jintrebaħ"*

Żminijiet u ċirkostanzi differenti jidher li ma jfissru xejn għal uħud mill-kandidati. Minbarra s-soltu żbalji fit-testi nsibu diversi osservazzjonijiet idjotiċi li ma tistennihomx minn żgħażagħ ta' sittax-il sena, bħal:

i. *"F'Malta kienu ġa jgħixu nies u dan niprovawħ billi nstabu pitturi ta' dawn in-nies."*
ii. *"F'Ħaġar Qim il-poeta jgħid fuq episodju ta' tfal li raw 'tnejn lebsin aħmar' żewġ persuni li għaddew mid-duħħan u qalu li kienu spirti ta' Ġesù."*
iii. *"Fil-Proża ħaġar qim narraw li fill kamra żgħira 'l-għar' kin hemm żewġ tfal sempliċi jilbsu biss weraq, li jitolbu lill-Alla, huma jitolbu għall Malta wkoll."*
iv. *"Is-silta titratta dwar il-gwerra li Mussolini għamel kontra l-alleati tiegħu."*
v. *"Rewwixta f'kull kanzunetta li kienu jkantaw kienu jispiċċaw b'wegħda jew b'ħalfa li fejn ma waslux ta' qabilhom..."*
vi. *"Il-Maltin flaħħar xebaw u protestaw billi keċċew lil franċiżi min Malta dejjem bl-għajnuna ta' reliġjon nisrani għax mingħajru ma kienux jgħaduha."*
vii. *"Oliver Friggieri fil-kitba tiegħu il-fidwa tal-gżejjer iwassalna wasla sa żmien meta l-Kavallieri ċedew lil Malta f'idejn Monroj."*
viii. *"Poeżija oħra marbuta ma temà Ġrajja u identità hija taħt in-nhar ta' Raymond Mahoney li tirakkonta ġlieda li seħħet fil-Port il-kbir ta' Malta kontra t-torok."*

- Ħafna studenti ma jidhrux li jafu d-differenza bejn poeżija u silta ta' proża. Hekk, per eżempju *Taħt In-Nar* ta' Ġuze` (!) hi poeżija twila; *Ħagar Qim* u *L-Għanja Tar-Rebħa* huma poe-proża!
- Għadd ta' studenti, lanqas jaqraw il-mistoqsija - jirriproduċu noti li studjaw bl-amment. Xi studenti kitbu wkoll xi titli li x'aktarx kellhom fin-noti bħal *"Xogħlijiet relatati mal-pre-istorja"* jew *"Xogħlijiet relatati maż-żmenijiet tan-nofs"* qabel bdew jikkummenta dwar xi poeżiji jew siltiet ta' proża.
- Xi studenti kitbu biss esej ġenerali dwar l-Istorja ta' Malta b'ebda referenza għall-poeżiji u/jew siltiet ta' proża.

- It-tema ***Ġrajja u Identità*** hi l-aktar popolari ma' l-istudenti u fl-istess ħin l-aktar li jmorru ħażin fiha. Bħas-soltu, ċerti espressjonijiet bħal *"Dun Karm jindirizza lix-xemx bħala simbolu universali"* jidhru tista' tgħid f'kull tweġiba.
- Hemm fissazzjoni patoloġika dwar l-identità ta' Malta. Għalihom, kollox juri jew joħroġ jew iżid l-identità Maltija, u mit-tweġibiet tal-kandidati tasal biex tieħu l-impressjoni li l-Maltin il-ħin kollu "*jitqabdu għall-identità*"!
- Hemm imbagħad dawk il-kandidati li mill-espressjoni tagħhom jidhru li huma mdorrijin jitkellmu bl-Ingliż, aktar milli bil-Malti. It-tweġiba tagħhom tikkonsisti f'eloġju, studjat bl-amment, favur Malta u l-ilsien Malti, u li biex mingħalihom jogħġbu lill-eżaminatur, jispiċċaw il-kitba tagħhom b'xi esklamazzjoni bħal "*Viva Malta!*" u "*Viva l-Ilsien Malti!*"
- Il-parti l-kbira tax-xogħlijiet juru nuqqas kbir ta' maturità. Jidher biċ-ċar li ħafna lanqas għandhom idea mhux biss ta' l-istorja ta' pajjiżhom iżda m'hemmx empatija vera magħha.

**Karta 2B**

**F'Karta B,** dawk li għażlu il-mistoqsija 6a ma tantx kellhom fejn jintilfu lanqas, minħabba l-fatt ukoll li n-numru ta' xogħlijiet għal din it-tweġiba kien limitat. Ħafna kienu dawk li għażlu l-karattri ta' Gerit u Ċikka, però kienu bosta dawk il-kandidati li tkellmu fuqhom qishom kienu persuna waħda. Kien hemm min ħawwad fl-ismijiet tagħhom kif ukoll f'dak ta' l-Avukat Gatt. Kien hemm ukoll min għażel lil Mananni bħala karattru antipatiku. (Din tidher li hi favorita sew ma' l-istudenti għax b'xi mod jew ieħor jaraw kif idaħħluha f'kull tweġiba li jagħtu!)
Xi kwotazzjonijiet żbaljati:

i. *"Mananni hu raġel għawdxi u jħobb ikel tradizzjonali."*
ii. *"Mananni hi u tagħmel iċ-ċombini kienet ix-xomm ir-rieħa ta' ftajjar biż-żejt."*
iii. *"Fit-tema Karattri nsibu karattru gastronomiku: dak ta' Mananni."*
iv. *"Imma l-ġlied jikreja ambjent fejn antipatija jsaltan"*

L-istatistika fuq kampjun ta' 340 student li qagħdu għat IIB, mogħtija hawn taħt, turi ħafna ħwejjeġ interessanti dwar il-mistoqsija numru 6

| Wieġbu | Kaxxa 22 | Kaxxa 30 | Total |
|---|---|---|---|
| Mistoqsija 6a | 57 | 69 | 126 |
| Mistoqsija 6b | 86 | 44 | 130 |
| Ma għamlu xejn | 22 | 21 | 43 |
| Total | 165 | 134 | 299 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ġabu aktar minn 50% tal-marki | 50 | 26 | 76 |
| Ġabu anqas minn 50% tal-marki | 115 | 108 | 223 |
| Total | 165 | 134 | 299 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Assenti | 5 | 36 | 41 |
| Ġabu 0 | 49 | 42 | 91 |

Din l-istatistika turi li 43 lanqas biss indenjaw ruħhom iwieġbu l-mistoqsija (persentaġġ ta' 12.65%)! Kif huwa allarmanti l-fatt li għaddew biss 76 minn massimu ta' 340! Jiġifieri persentaġġ ta' 22.35% li għaddew minn mistoqsija 6a/6b. Huwa wkoll allarmanti l-fatt li 48 (tneħħi 43 minn 91) ġabu marka "0" minn massimu ta' 35! Persentaġġ ta' 14.12%.
Dan juri li l-livell ta' dawn l-studenti huwa wieħed medjokri ħafna. Waħdiet biss kellhom inqas minn 4 żbalji (ortografiċi, sintassi eċċ), allura awtomatikament tilfu ż-żewġ marki għall-ortografija. Barra minn hekk, tintebaħ ukoll kemm hemm għadd kbir ta' kandidati li jiktbu l-Malti bla ħsieb ta' xejn, hekk kif tiġihom f'moħħhom il-kelma jaqbdu u jċappsuha fuq il-karta mingħajr lanqas biss jippruvaw janalizzawha u jaraw kif għandha tinkiteb sew. Dan huwa nuqqas kbir u serju. Din il-ħaġa tassew hija serja. Il-kandidati huma tassew fqar fl-aspett ta' kitba bil-Malti, bi żbalji banali li ma tippretendihomx f'dan il-livell, anke jekk huma kandidati li għażlu li jwieġbu Karta IIB.

Bosta kandidati mbagħad ma żammewx mat-tul mogħti lilhom fil-kitba ta' Komponiment Letterarju. Huma kellhom jiktbu komponiment ta' madwar 200 kelma (175 – 225). Ħafna lanqas biss qabżu l-mitt (100) kelma! Ħafna lanqas biss jafu x'jiġifieri taqsam komponiment f'paragrafi, allura kulma tara hija ċappa waħda sħiħa, bla ebda Introduzzjoni u Konklużjoni denji ta' isimhom. Il-kunċett li anke f'Komponiment Letterarju għandek tagħmel Introduzzjoni, Korp u Konklużjoni għadu ma jeżistix f'uħud mill-kandidati. Dan juri li ma humiex imħarrġa sew mill-għalliema tagħhom f'dan l-aspett tal-kitba, li kollox jgħaddi u xejn mhu xejn. U ftit li xejn huma dawk il-kandidati li jnizzlu n-numru ta' kliem fl-aħħar tal-komponiment!
Ta' min jgħid ukoll li ammont kbir ta' komponimenti kienu superfiċjali għall-aħħar. Ħafna kandidati kemm jaqbdu u jagħmlu parafrasi, litteralment, tal-poeżija jew silta ta' proża, mingħajr ma jagħtu kas li jagħtu u jinfilzaw il-kritika tagħhom skond xi jkun talab minnhom l-eżaminatur. Ħafna lanqas biss jagħtu kas il-kliem eżatt ta' kif inhi mqiegħda l-mistoqsija, u għaldaqstant jitbiegħdu qatigħ mill-għan tal-mistoqsija. Mistoqsija 6a, fejn kellhom jagħżlu żewġ karattri li juru antipatija, xi wħud semmew biss karattri li għoġbuhom, u qalu li għoġbuhom! Bosta kitbu fuq Manannni, fuq Rużar Briffa nnifsu, fuq il-poeżiji/siltiet ta' proża *"Mur Orqod Binti"*, *"Ir-Raġel tal-Klieb"*, (dawn it-tnejn forsi għax kienu fid-domandi preċedenti) *"Ir-Raba' ta' Samwel"*, *"Laqgħa ma' Poeta"*, *"Ir-Ribelli"* u *"Iż-Żabra"*! Xi wħud lanqas biss huma fit-tema ta' *'Karattri'!* Xogħol mogħti bl-addoċċ! Xi wħud ukoll kemm qabdu u taw parafrasi tas-siltiet tat-taqsima, kienet x'kienet il-mistoqsija!! Għalhekk ma jkun hemm l-ebda relevanza mat-titlu tal-mistoqsija! Mhemm l-ebda sens ta' kritika fix-xogħol tagħhom! Dan huwa nuqqas ieħor serju ħafna!

Min-naħa l-oħra, kien hemm min daħħal għadd ta' kwotazzjonijiet fix-xogħol tiegħu. Dan jien narah bħala ħaġa tajba ħafna. Il-kwotazzjoni ssaħħaħ l-argument tiegħek. Ħalliha li mhux kollha kienu jafu eżatt kif għandhom jikkwotaw! Imma għall-inqas, l-isforz hemm kien.

Huwa evidenti li l-istudenti tagħna mhux qed jiġu mħarrġa sew fl-arti tal-kitba tal-Komponiment Letterarju. Għadhom ma jafux jiktbu sew b'Malti mexxej, b'Malti mqassam sew f'paragrafi, u b'ideat ċari u żviluppati sew. U dan għalija huwa allarmanti.
Kien hemm xi wħud imbagħad li, sfortunatament, tfixklu Taqsima ma' oħra. Tara komponiment il-ġmiel tiegħu (rari ħafna), imma fuq poeżiji u siltiet ta' Taqsima oħra!! Tassew ħasra!

Xi wħud tant ma kienu jafu xejn fuq is-siltiet, u tant ma kinux ippreparati, jew tant ma kienx jimpurtahom, li qabdu u kitbu dak li ħabat ma' rashom dak il-ħin. Nagħti eżempju (bl-iżbalji) > *"Hemm ħafna xolijiet antipatiċi flantik u anke fil modern. Hemm ħafna tipi ta' xolijiet antipatiċi, ezempji kaħal, dak huwa xol malti u trid il-pacenzja …… ."* Xi wħud imbagħad ittrattaw il-Komponiment Letterarju qisu kien xi komponiment tal-Lingwa.

Kien hemm oħrajn imbagħad li għaxxquha fil-mistoqsija 6b, fejn kellhom jagħżlu tnejn bejn l-Ilsien Malti, il-Patrijottiżmu u t-Twemmin. Dawn ħadu waħda biss minn dawn it-tlieta u kitbu fuqha b'żewġ poeżiji jew tlieta bħala eżempju. Tassew ħasra. Oħrajn ma qalux fejn daħħluhom il-poeżiji u siltiet li għażlu (jiġifieri f'liema minn dawk it-tlieta), u sempliċement qabdu u għamlu parafrasi ta' għadd ta' siltiet/poeżiji.

U bosta huma dawk li ma jafux eżatt x'jisimhom il-poeżiji u s-siltiet ta' proża! Wisq aktar min kitibhom! Kien hemm taħwid sħiħ f'min kiteb liema poeżija! Barra mill-fatt li fejn suppost jagħmlu l-*inverted commas* ma' isem xi poeżija/silta ma jagħmlu xejn, u fejn ma għandhomx jagħmluhom, ma' isem xi karattru jew xi kittieb, jagħmluhom dawn l-*inverted commas*! Barra mill-fatt li għal xi wħud, kollox huwa poeżija! Anke s-siltiet ta' proża. Dejjem jiktbu "*Il-poeta qal/jgħid li …*", meta ma jkunx poeta imma prożatur. Bħal, ngħidu aħna, Wistin Born (ġieli deher bħala Borg), Frans Sammut, Lino Spiteri, Ġużè Galea u bosta oħrajn. Dawn għalihom kollha poeti!

Kien hemm oħrajn li taw parafrasi ta' silta/poeżija bla qatt ma semmew xi ismijiet ta' kittieba jew, agħar, ta' karattri mill-istess siltiet/poeżiji! Għaldaqstant, jgħidu "dawk li ġġieldu", "dik li waddbet il-karkur" (*"Il-Ġlieda"*), jew "dak l-avukat li jaħseb li hu xi ħaġa" (*"Mass Meeting"*), jew "dik li ġabet ħassiela biex taħsel it-taraġ" (*"Dak it-Taraġ"*), u bosta oħrajn. Dan juri li ma hemmx approfondiment fis-siltiet.

Dan kollu li semmejt jixhed traskuraġni.

Anke fejn tidħol il-punteġġatura, din mhux dejjem kienet imqiegħda tajjeb.

Jidher ċar ukoll li ftit jagħmlu distinzjoni bejn Malti mitkellem u Malti miktub. Għadhom ma jafux li f'xogħol ta' dan il-livell, anke jekk Karta IIB, għandhom kemm jista' jkun jagħmlu Malti idjomatiku u mexxej, Malti li tieħu gost taqrah. Ftit li xejn jagħtu kas ta' l-espressjoni fil-kitba tagħhom.

Xi eżempji ta' **<u>Nuqqasijiet</u>** huma dawn: (L-iżbalji tħallew f'dawn l-eżempji).

Introduzzjonijiet bla sens jew fjakki (bl-iżbalji b'kollox) >

- Karratri hija meta l-poeta jew l-awtur jikteb kif għamlu dawk in-nies importanti fħajjithom.
- Fit-tema Ġrajja u Identita hemm ħafna tipi ta kitba u poeżiji differenti.
- Il-kittieb ħu persuna li jħobb pajjiżu, forsi mħux dejjem in-nies kollha, gieli jobod lil xi ħadd, imma xorta jħossu parti mill-kommunita. Il-kittieb Malti huwa kburi b'pajjiżħom.
- It-tema Ġrajja u Identità kien il-poeziji bir-referenza min il-indendpensa u patriotismu Malti. Din ir-referenzi ġej min historika u ohrajn.
- Il-Grajja ta' Malta li tithol ġewwa l-storja tal-patrittizmu.
- It-tema: karattri hija tema fejn int tiddeskrivi il-karattri tan-nies.
- Il-pajjiż għandu ġrajja u identità bħal kull persuna Maltija. Dan jagħmlu l-ħaġa, hi min hi.

Konklużjonijiet bla sens jew fjakki (bl-iżbalji b'kollox) >

- Kullħadd għandu karattru differenti mma bl-ideati differenti u l-istess. F'dawn ix-xogħlijiet rajna li l-karattri huma differenti f'persuni differenti mma l-istess.
- Karatri oħra fit-tema Karatri kienu sbieħ li naqgħbel magħom imma certu minhom le.

Sentenzi bla sens >

- "Mass Meeting" hija proża ta' 'votings".

Nuqqas ta' attenzjoni għad-dettalji (bl-iżbalji b'kollox) >

- Hemm ħafna karattri li lili l-ogħġbuni iżda hemm tnejn li ibuttawni għax ħalqu antipatija li huma "Gerit" meħħuda mil-poeżija Il-Ġlieda ta' "Winston Born" u "l-Avukat Gatt" meħħuda mil-poeżija Mass Meeting ta' "Mario Azzoppardi".
- *"Il-Ġlieda"* – Gerit u Ċikka ġġieldu waqt logħba football fil-ground.
- L-Avukat Gatt huwa s-Sindku tar-raħal
- L-avukat Gatt u t-tabib Grima huma ta' żewġ partiti politiċi differenti

Raġunijiet banali mogħtija għall-argument tal-kandidati (bl-iżbalji b'kollox) >

- Fil-poeżija ħelwa ta' Gorg Pisani li hija Mannani li hija protagonista jinbuttani l-karattru tagħha personalment dan l-għaliex illum il-ġurnata aħna ngħixu f'dinja kollha kumdità u sabiħa, Mannani għada fuq l-istili l-antik tan-nanniet tagħna u aħna ż-żagħżagħ f'din id-dinja tal-lum ma tantx għadna nagħtu każ u daqshekk interess. Din qisha ma tafx x'qed jiġri llum.

Ereżijiet u ħmerijiet (bl-iżbalji) >

- Il-karattri li jimbuttawni l-aktar huma l-ġenituri u t-teachers
- Il-kwotazzjoni li ħa nagħtik hija bejn wieħed u ieħor
- Il-poeta jiftakar b'nies sempliċi ħafna u msieken li mietu għal Malta bħal San Mikiel u Sant Anġlu
- Fil poeziji hemm hafna tipi ha kwasi kola andhom kwalita jew affarijiet differenti jien azilt din tal karrattri għax lohra ma tantx naf fuqa u qas fuq din peres li ma tantx keli cans nistudja mhux qed niprova intella l-marki billi nejdlek hekk imma ha niprova namila kif nista din il karta.

1. Ftit mill-żbalji banali li ltqajna magħhom, għalkemm sibna każijiet fejn kull kelma f'paragrafu sħiħ hija miktuba ħażin. Patetika!

- *Karratri*
- *Xandru tellawh xutt* (tellgħuh xhud)
- *Gerit bdiet tobod żewg minn nies*
- *Avugat*
- *Tlet tellef* (tlett elef)
- *Iġ-ġrajjiet*
- *Immorru lura seba telef snin*
- *naqa* flok *naqra*
- *dvalja* flok *tvalja*
- *ġiex* flok *żewġ*
- *Yugoslav* flok *Jugoslav*

flimkien ma għadd ta' żbalji fejn tidħol l-*'għ'* .

2. Taħlit ta' Suġġett, Verb u Nom

- *Naraw kif il-poplu Maltin batew bil-patrijottiżmu tagħhom*
- *Naraw kif l-istorja ta' Malta affettwa*
- *L-ilsien Malti mexa maż-żmien biex isir li hi llum*
- *Poeżija fejn naraw kif Malta batew għall-identità tagħna*
- *Għalhekk il-Maltin li kien hemm qam u bdiet jgħidu*
- *Din ix-xogħol hija marbuta*

3. Fl-ismijiet tax-xogħlijiet

- *"Ġlieda" flok "Il-Ġlieda"*
- *"Laqgħa mal-Poeta" flok "Laqgħa ma' Poeta"*
- *"It-Taraġ" flok "Dak it-Taraġ"*
- *"Ħaġar Qim" flok "F'Ħaġar Qim"*
- *"Fidwa tal-Gżejjer" flok "Il-Fidwa tal-Gżejjer"*
- *"L-Għana tar-Rebħa" flok "Il-Għanja tar-Rebħa"*

4. Punti oħra, għall-għalliema u l-istudenti biex jagħtu kashom
   - Il-kaligrafija hi batuta in ġenerali.
   - Paragrafi ma jeżistux għal xi studenti.
   - Il-punteġġjatura hija batuta ħafna u xi drabi totalment nieqsa!
   - Ma jiktbux in-numru tal-mistoqsija li jkunu għażlu
   - Kemm fir-referenzi kif ukoll fil-komponimenti xi studenti jirreferu għat-tajjeb u għall-ħażin eż. "il-mara tirapreżenta il-ħażin filwaqt li r-raġel jirrappreżenta t-tajjeb"
   - Għal xi studenti l-għeliem tal-Malti ma jeżistux. Jiktbu *c z gh.*
   - Spiss jiktbu żewġ vokali ħdejn xulxin iżda min-naħa l-oħra hawn min iwaqqa' l-vokali "i" fejn mhux suppost bħal fil-kliem *: importanti, indipendenti*

Iċ-Ċermen
Bord ta' l-Eżaminaturi

Settembru 2007